**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Marzu 2018

Rikors Guramentat numru : 91/11 AL

**A B f'isimha proprju u b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' April 2011 u tat-18 ta' April 2011 giet mahtura bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri**
**J B u M B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elf disa'mija sitta u disghin (1996) (Dokument A);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, J li twieled fis-16 ta' Mejju 1998 u M li twieldet fit-28 ta' Lulju 2002;

3. Illi l-intimat C B rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offiza gravi, u l-hajja tal-kontendenti flimkien ma ghadhiex aktar possibbli billi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment bi htija ta' l-istess intimat;
4. Illi minkejja l-isforzi kbar tal-esponenti sabiex jintlahaq ftehim mal-intimat dwar il-firda, dan baqa' ma sehhx minhabba nuqqasijiet tal-istess intimat C B;
5. Illi b'digriet ta' din il-Qorti tas-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Dokument B), kif sussegwentement estiz (Dokument C), l-esponenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi b'kawza ghall-firda personali kontra l-intimat;

Talbet ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk kollha li jirrizultaw mehtiega fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, previa kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat C B;
ii. Tafda il-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri J B u M B f'idejn l-esponenti;
iii. Tiffissa r-retta alimentari dovuta lill-esponenti mill-intimat ghall-bzonnijiet taghha u ta' uliedhom minuri J B u M B, u taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha opportuni sabiex l-istess retta alimentari tizdied perjodikament sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja;
iv. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet u tassenja parti wahda lill-esponenti u l-ohra lill-intimat, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi ghall-imsemmija likwidazzjoni, stima, pjan ta' qasma u ghal-licitazzjoni mehtiega;
v. Tawtorizza lil-esponenti sabiex tabita fid-dar mtrimonjali 'Tarom', Triq il-Busbiez, Marsascala flimkien mal-imsemmija ulied minuri ad eskluzjoni tal-intimat C B, u konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat jizgombra minn dan il-fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss;

vi. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss ihallas u jikkonsenja lill-esponenti l-flejjes u l-oggetti kollha parafernali taghha, inkluzi wkoll krediti ohra, u fin-nuqqas tikkundannah ihallasha il-valur taghhom, bl-imghaxijiet sal-ghola rata li tippermetti l-ligi, sad-data tal-hlas effettiv;

vii. Tikkundanna lill-intimat li jhallasha kwalunkwe krediti ohra li jirrizutlaw dovuti lilha mill-istess intimat jew mill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-kontendenti, bl-imghax sal-ghola rata li tippermetti l-ligi sad-data tal-hlas effettiv;

viii. Tapplika kontra l-intimat id-disposizzjonijiet tal-artikli tmienja u erbghin (48) u wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : (fol. 29)

1. Illi l-intimat C B llum il-gurnata u fic-cirkostanzi jaqbel illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom, pero' jigu applikati kontra r-rikorrenti A B s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Art. 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-firda ta' bejniethom sehhet bi htija taghha u dana hekk kif se jipprova l-istess intimat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna. Minhabba f'hekk it-tmien talba attrici ghandha tigi michuda wkoll;
2. Illi l-intimat jaghmel riferenza ghat-tieni talba fir-rikors mahluf promotorju u ma jaqbilx mal-istess billi l-kura u l-kustodja ghandha tkun wahda konguntiva u dan ghaliex m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn dan m'ghandux ikun hekk;
3. Illi dwar it-tielet talba attrici, l-intimat qed jopponi bil-qawwa tieghu li hu jmantni lill-attrici proprio u dana billi m'hemm l-ebda raguni fil-ligi ghalfejn hu ghandu jmantniha;

4. Illi l-intimat jaqbel mar-raba’ talba attrici, dana billi jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili;
5. Illi l-intimat jaghmel riferenza ghall-hames talba attrici u jopponi bil-qawwa kollha li ghandha tkun l-attrici li tabita fil-fond matrimonjali billi dan il-fond huwa proprjeta’ parafernali tal-intimat hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza u ghalhekk ghandha tkun l-attrici li ghandha tigi zgumbrata mill-imsemmi fond;
6. Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mill-Ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha ppremetta :

1. Illi l-intimat qed jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta halli hu jressaq din ir-rikonvenzjoni tieghu;
2. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tletin (30) ta’ Marzu 1996 u minn tali zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem ta’ J u M it-tnejn minorenni;
3. Illi l-hajja konjugali giet reza impossibbli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid u morali kommessi da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur u kif ukoll minhabba nkompatibilita’ ta’ karattru;
4. Illi ghalhekk il-konvenut rikonvenzjonant qed iressaq din ir-rikonvenzjoni tieghu wara li l-kontendenti gew awtorizzati li jistitwixxu dawn il-proceduri;

Talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif hawn fuq premess;
2. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix sseparat minn ma l-attrici rikonvenzjonata;
3. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom dawk ikkontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili;

4. Tiddikjara illi l-fond matrimonjali u cioe' l-fond bl-isem ta' 'Tarom', Triq il-Buzbiez Marsascala, huwa proprjeta' parafernali tal-istess konvenut rikonvenzjonant;
5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba kontra l-attrici rikonvenzjonata, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;
6. Tinnomina jekk ikun il-kaz Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni tal-immobbli appartenenti lill-komunjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-attrici rikonvenzjonata f'kaz ta' bzonn, u dana minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti;
7. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant l-proprjeta kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha tiddikjara: (fol. 51)

1. Illi l-eccepjenti taqbel li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u li konsegwentement ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom, izda dan bi htija tal-konvenut rikonvenzjonant wahdu kif diga' gie rilevat fl-azzjoni principali;
2. Illi konsegwentement ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fil-konfront taghha, u ghalhekk it-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant ghandha tigi michuda;
3. Illi l-eccepjenti taqbel li ghandha tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u li din tigi likwidata u maqsuma kif gja' mitlub minnha fl-azzjoni principali, pero' m'ghandhomx jigu aplikati ebda sanzjonijiet fil-konfront

taghha in vista tal-htija tal-istess konvenut rikonvenzjonant ghat-tkissir taz-zwieg;

4. Illi l-eccepjenti fil-kawza principali talbet li tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma uliedha b'eskluzzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant. Ir-raba talba ghandha ghalhekk tigi michuda;
5. L-eccipjenti terga' taghmel referenza ghat-talbiet taghha ghall-kura u kustodja ta' uliedha u ghall-bzonn tal-manteniment kemm ghal uliedha kemm ghaliha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata ;

Rapport tal-perit legali Dr Abigail Critien : (fol. 647)

"1. Illi r-rikorrenti ipproċediet bil-kawża odjerna u permezz tar-rikors promotur tagħha iddikjarat is-segwenti:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-30 ta' Marzu 1996;

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, J li twieled fis-16 ta' Mejju 1998 u M li twieldet fit-28 ta' Lulju 2002;

3. Illi l-intimat C B rrenda ruħu ħati fil-konfront tal-esponenti ta' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiża gravi u l-ħajja tal-kontendenti flimkien ma għadhiex aktar possibbli billi dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment bi ħtija tal-istess intimat;

4. Illi minkejja l-isforzi kbar tal-esponenti sabiex jintlaħaq ftehim mal-intimat dwar il-firda, dan baqa' ma seħħx minħabba nuqqasijiet tal-istess intimat C B;

5. Illi b'digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Diċembru tas-sena 2010 kif sussegwentement estiż, l-esponenti ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi b'kawża għall-firda personali kontra l-intimat.

Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ġiet umilment mitluba sabiex jogħġobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli unikament lill-intimat C B;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri J B u M B f'idejn l-esponenti;

3. Tiffissa r-retta alimentari dovuta lill-esponenti mill-intimat għall-bżonnijiet tagħha u ta' wliedhom minuri J B u M B u tagħti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha opportuni sabiex l-istess retta alimentari tiżdied perjodikament sabiex tagħmel tajjeb għall-għoti tal-ħajja;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'żewġ porzjonijiet u tassenja parti waħda lill-esponenti u l-oħra lill-intimat, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi għall-imsemmija likwidazzjoni, stimi, pjan ta' qasma u għal liċitazzjoni meħtieġa;

5. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tabita fid-dar matrimonjali 'Tarom', Triq il-Busbież, Marsaskala flimkien mal-imsemmija ulied minuri ad esklużjoni tal-intimat C B u konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat jiżgombra minn dan il-fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss;

6. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, iħallas u jikkonsenja lill-esponenti l-flejjes u l-oġġetti kollha parafernali tagħha, inklużi wkoll krediti oħra u fin-nuqqas tikkundannah iħallasha il-valur tagħhom;

7. Tikkundanna lill-intimat li jħallasha kwalunkwe krediti oħra li jirriżultaw dovuti lilha mill-istess intimat jew mill-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-kontendenti;

8. Tapplika kontra l-intimat d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt minn issa għas-subizzjoni.

2. Illi permezz tar-risposta tiegħu, C B ppremetta s-segwenti:

1. Illi l-intimat C B llum il-ġurnata u fiċ-ċirkustanzi jaqbel illi tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom, pero' jiġu applikati kontra r-rikorrenti A B s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Art. 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi l-firda ta' bejniethom seħħet bi ħtija tagħha u dana hekk kif se jipprova l-istess intimat waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna. Minħabba f'hekk it-tmien talba attriċi għandha tiġi miċħuda wkoll;

2. Illi l-intimat jagħmel referenza għat-tieni talba fir-rikors maħluf promotorju u ma jaqbilx mal-istess billi l-kura u l-

kustodja għandha tkun waħda konġuntiva u dan għaliex m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn m'għandux ikun hekk;

3. Illi dwar it-tielet talba attriċi, l-intimat qed jopponi bil-qawwa tiegħu li hu jmantni lill-attriċi proprio u dana billi m'hemm l-ebda raġuni fil-liġi għalfejn hu għandu jmantniha;

4. Illi l-intimat jaqbel mar-raba' talba attriċi dana billi jiġu applikati kontra l- attriċi s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili;

5. Illi l-intimat jagħmel referenza għall-ħames talba attriċi u jopponi bil-qawwa kollha li għandha tkun l-attriċi li tibqa' tabita fil-fond matrimonjali billi dan il- fond huwa proprjeta' parafernali tal-intimat hekk kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża u għalhekk għandha tkun l-attriċi li għandha tiġi żgumbrata mill-imsemmi fond;

6. Salv linji difensjonali oħra hekk kif permessi mil-liġi.

3. Illi l-intimat ipprevalixxa ruħu mid-dritt tal-kontro-talba u permezz tal-istess taba rikonvenzjonali tiegħu ppremetta s-segwenti:

1. Illi l-intimat qed jipprevalixxi ruħu mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ħalli hu jressaq din ir-rikonvenzjoni tiegħu;

2. Illi l-kontendenti żżewġu fit-30 ta' Marzu 1996 u minn tali żwieġ twieldu żewġt itfal bl-isem ta' J u M it-tnejn minorenni;

3. Illi l-ħajja konjugali ġiet reża impossibbli minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid u morali kommessi da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur u kif ukoll minħabba nkompatibilita' ta' karattru;

4. Illi għalhekk il-konvenut rikonvenzjonant qed iressaq din ir-rikonvenzjoni tiegħu wara l-kontendenti ġew awtorizzati li jistitwixxu dawn il-proċeduri;

Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-attriċi rikonvenzjonata kif hawn fuq premess;

2. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jgħix separatament minn mal-attriċi rikonvenzjonata;

3. Tapplika kontra l-attriċi rikonvenzjonata s-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi fosthom dawk ikkontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili;

4. Tiddikjara illi l-fond matrimonjali u ċioe' l-fond bl-isem ta' 'Tarom', Triq il-Bużbież Marsascala huwa proprjeta' parafernali tal-istess konvenut rikonvenzjonant;

5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba kontra l-attriċi rikonvenzjonata, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;

6. Tinnomina jekk ikun il-każ Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni tal-immobbli appartenenti lill-komunjoni u Kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-attriċi rikonvenzjonata f'każ ta' bżonn u dana mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti;

7. Tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant l-proprjeta' kollha tiegħu parafernali jew il-valur tagħha.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi rikonvenzjonata li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

4. Illi permezz tar-risposta ġuramentata tagħha għall-kontro-talba mressqa mill-intimat, l-attriċi eċċepiet is-segwenti:

1. L-eċċipjenti taqbel li l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli u li konsegwentement għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom iżda dan bi ħtija tal-konvenut rikonvenjonant waħdu kif diġa' ġie rilevat fl-azzjoni prinċipali;

2. Konsegwentement ma hemmx lok għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi fil-konfront tagħha u għalhekk it-tielet talba tal-konvenut rikonvenjonant għandha tiġi miċħuda;

3. L-eċċipjenti taqbel li għandha tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom u li din tiġi likwidata u maqsuma kif ġia mitlub minnha fl-azzjoni prinċipali pero' m'għandhomx jiġu applikati ebda sanzjonijiet fil-konfront tagħha in vista tal-ħtija tal-istess konvenut rikonvenzjonant għat-tkissir taż-żwieġ;

4. L-eċċipjenti fil-kawża prinċipali talbet li tiġi awtorizzata fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha b'esklużjoni tal-konvenut rikonvenzjonant. Ir-raba' talba għandha għalhekk tiġi miċħuda;

5. L-eċċipjenti terġa' tagħmel referenza għat-talbiet tagħha għall-kura u l-kustodja ta' uliedha minuri u għall-bżonn tal-manteniment kemm għal uliedha kemm għaliha.

5. Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-3 ta' Frar 2012, l-esponenti ġiet maħtura bħala perit legali bis-soliti fakultajiet.

6. Illi in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha l-esponenti tiddikjara li quddiemha nżammu s-segwenti seduti:

1. Seduta datata t-2 ta' Marzu 2012;

2. Seduta datata s-6 ta' Marzu 2012;

3. Seduta datata l-15 ta’ Mejju 2012;

4. Seduta datata t-28 ta’ Novembru 2012;

5. Seduta datata l-10 ta’ Jannar 2013;

6. Seduta datata l-11 ta’ Frar 2013;

7. Seduta datata t-3 ta’ Ottubru 2013;

8. Seduta datata l-14 ta’ Novembru 2013;

9. Seduta datata s-7 ta’ Jannar 2015;

10. Seduta datata t-13 ta’ Jannar 2015;

11. Seduta datata l-20 ta’ Marzu 2015;

12. Seduta datata t-13 ta’ Lulju 2015;

13. Seduta datata d-9 ta' Ottubru 2015;

14. Seduta datata t-30 ta' Ottubru 2015;

15. Seduta datata l-15 ta' Diċembru 2015;

16. Seduta datata t-8 ta' Jannar 2016;

17. Seduta datata d-19 ta' Jannar 2016.

7. Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-mertu tal-każ odjern.

8. **Il-Provi Miġbura**

(a) Illi r-rikorrenti ntavolat nota ġuramentata[1] u li permezz tagħha ddikjarat il-pretensjonijiet tagħha fosthom:

1. Illi r-responsabbilita' tas-separazzjoni għandha tingħata lill-intimat għaliex l-istess intimat kien isib kull mezz sabiex jitbiegħed minn martu kif ukoll għaliex l-istess martu ma kienitx tħajjru intimament peress li kien jaraha bħala oħtu. Barra minn hekk tgħid li kienet kostretta ġġor ir-responsabbilita' kollha taż-żwieġ waħedha peress li l-ħajja bħala raġel miżżewweġ u ta' missier ma kienitx tinteressah. Ir-rikorrenti ssemmi wkoll

[1] Liema nota hija esebita a fol 35 tal-proċess

episodji ta’ vjolenza fejn l-intimat kien jgħolli leħnu, tkissir ta’ platti meta ma jogħġbux l-ikel u episodju partikolari meta ħatafha minn għonqha;

2. Illi għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri;

3. Illi għandha tingħata manteniment kemm għaliha u kemm għall-minuri, liema manteniment għandu jammonta għas-somma ta’ €1000 fix-xahar (b’mod kumplessiv għalihom it-tlieta u ċioe’ r-rikorrenti u ż-żewġt ulied) abbażi tal-fatt li l-intimat għandu introjtu ta’ €1823 fix-xahar;

4. Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti tgħid li din tikkonsisti fis-segwenti:

a. Il-mobbli u l-għamara kollha ġewwa d-dar matrimonjali;

b. Il-vettura tat-tip ‘Toyota Hilux’;

c. Il-vettura tat-tip ‘Suzuki Alto’;

d. Dgħajsa li nxtrat għall-valur ta’ €14,000 li parti minnha tħallset minn flus derivanti minn wirt tar-rikorrenti;

e. Polza ta' assigurazzjoni MSV Life fuq ħajjet il-partijiet mal-assiguratur Middlesea Valletta Lif Assurance Company Limited bin-numru 57011.

5. Tgħid li għandha kreditu fuq id-dar matrimonjali *stante* li din inbniet nofs bin-nofs fuq arja ta' garaxxijiet akkwistata mill-intimat fuq ismu b'titlu ta' enfitewsi temporanja flimkien mal-garaxx sottostanti.

(b) Illi l-intimat ukoll preżenta n-nota ġuramentata tiegħu[2] u li permezz tagħha ddikjara l-pretensjonijiet tiegħu u ċioe':

1. Illi hija r-rikorrenti li hi ħatja għall-firda ta' bejniethom b'dan li jiddikjara li hu qatt ma kellu u lanqas għandu relazzjoni barra ż-żwieġ;

2. Illi qabel ma bdiet il-proċeduri ta' separazzjoni, r-rikorrenti kienet diġa' turi illi ma kellhiex interess fih u dan billi kienet tinjorah u tgħajjru għaliex ma kienx ikun irid jagħmel ċertu atti intimi magħha bħalma ma kienet tgħidlu li jagħmlu sħabha u l-irġiel tagħhom. Jgħid li tali atti li kienet tirreferi għalihom ir-rikorrenti ma kienux atti intimi normali bħal dawk li jsiru għall-prokreazzjoni iżda atti intimi ta' tip ieħor li qabel ma kienu għamlu qatt u lanqas ma r-rikorrenti wriet ix-xewqa għalihom. Jiddikjara li sa' ftit żmien qabel ir-relazzjoni intima tagħhom kienet waħda normali tant li kellhom żewġt ulied;

3. Illi m'huwiex minnu li kellu fantasiji għal nisa oħra iżda għall-kuntrarju, kienet tkun martu stess li f'diversi okkażjonijiet

[2] Liema nota hija esebita a fol 44 tal-proċess

staqsietu jekk jogħġbuhx nisa oħra li huma kienu jafu. Għal dawn il-mistoqsijiet malizzjużi tagħha l-aktar l-aktar kien iwieġeb li t-tfajla in kwistjoni hija gustuża u tfakkru f'martu meta kienet iżgħar. Qatt ma qal li għandu fantasiji għal nisa oħra iżda għall-kuntrarju kienet ir-rikorrenti li kienet tipprova ġġiegħlu jkollu dawn il-fantasiji, saħansitra kienet proponiet li jħallsu Russa biex tmur fis-sodda magħhom iżda hu qatt m'aċċetta tali proposta;

4. Illi xogħolu jirrikjedi li jqatta' ħafna żmien fuq il-baħar u li dan ilu jseħħ għal ħafna żmien, anke meta l-partijiet ma kienux għadhom miżżewġin għaliex xogħolu dejjem kien fuq il-baħar. Din kienet ir-raġuni għala kien hemm ġranet meta ma kienx imur id-dar. Dan sar għall-familja u ċertament mhux b'kapriċċ;

5. Illi hu minnu li kienet tkun ir-rikorrenti li tieħu ħsieb il-kontijiet u l-ispejjeż kollha. Kien jagħtiha l-paga kollha f'idejha u qatt ma kien jistaqsi dwar xi jkun sar mill-paga għaliex kellu fiduċja sħiħa fiha;

6. Illi rigward l-ulied, dejjem kellu l-aqwa interess lejhom minkejja li minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu kien ikollu jqatta' ħafna ħin 'il bogħod minnhom, liema xogħol kien jagħmlu wkoll sabiex uliedu ma jkun jonqoshom xejn. M'huwiex minnu li qatt ma mar għall-*parents' day* għaliex attenda diversi drabi u kien anke jwassal u jiġbor lit-tifel wara t-*training* tal-*football*;

7. Rigward vjolenza, kienet ir-rikorrenti li f'ħafna okkażjonijiet kienet tipprovokah u dan billi fost oħrajn kienet theddu li jekk jipprova jirranġa magħha iddaħħallu sikkina ġo sidru. Kienet saħansitra tgħidlu wkoll biex imur jitgħallaq bħalma għamel ħuħ;

8. Ir-rikorrenti telqet mid-dar mhux għax beżgħet mill-intimat iżda għax għandha relazzjoni oħra u dan ġie kkonfermat meta binhom stess sab xi *emails* tar-rikorrenti ma' raġel ieħor li juru li hemm relazzjoni bejniethom, li tant kienu ċari, li l-istess iben ta' eta' żgħir seta' jifhem li ommu kellha relazzjoni intima ma' raġel li mhux missieru. Dan seħħ xhur qabel ma r-rikorrenti iddeċidiet li tibda l-proċeduri odjerni. Meta affrontaha dwar dan, għaliex binhom mar jibki għandu, ċaħdet li għandha relazzjoni adultera u stqarret li ma kellux għalfejn jinkwieta għaliex ir-raġel l-ieħor kien f'*wheelchair* u li ma kellhiex interess fih. Qagħad fuq il-kelma tagħha u emminha. Dan hu l-istess raġel li llum għandu relazzjoni mar-rikorrenti;

9. Dwar il-minuri u l-fatt li preżentement jgħixu mar-rikorrenti jgħid li din kienet deċiżjoni unilaterali da parti tal-istess rikorrenti ad insaputa tiegħu, liema deċiżjoni ċertament ma jaqbilx magħha. Kontra x-xewqa tiegħu mhux qed jara lill-ulied għaliex fost affarijiet, ir-rikorrenti ma tħallihom iwieġbu l-*mobile* meta jċemplilhom u għax l-istess ulied ma tantx ikunu fir-residenza fil-Kalkara. Minn informazzjoni li rnexxielu jiġbor, jidher li l-minuri J iqatta' ħafna ħin mal-kuġuni tiegħu li għalkemm akbar minnu fl-eta' huma wkoll minorenni filwaqt li l-minuri M tqatta' ħafna ħin barra mid-dar mar-rikorrenti u saħansitra torqod m'ommha fir-residenza tal-ħabib tagħha l-Imsida;

10. Jiddikjara wkoll li wara li kellu jagħmel rapporti mal-Pulizija peress li sar jaf li l-ulied kienu qed ikunu waħedhom bil-lejl meta r-rikorrenti toħroġ waħedha, l-istess ulied bdew jorqdu man-nannu matern tagħhom li ma jistax jieħu ħsiebhom peress li hu raġel anzjan fuq is-siġġu tar-roti;

11. Jiddikjara li mhux qed ikollu l-kuntatt li jixtieq m'uliedu għaliex meta jipprova jagħmel kuntatt mar-rikorrenti, din tal-aħħar tgħidlu li l-istess ulied ma jridux ikellmuh u li ma jistax jara lil uliedu għaliex hemm ordni mill-Qorti dwar meta u x'ħin

jarhom;

12. Jiddikjara li jixtieq li l-kura u l-kustodja tal-ulied tkun konġunta u dana billi l-ulied jgħixu mar-rikorrenti u ma jiġux esposti għal kumpanija ta' terzi persuni li m'humiex membri tal-familja u li r-rikorrenti għandha jew ikollha relazzjoni intima magħhom. Jixtieq ukoll ikollu aċċess ampju għall-istess ulied;

13. Rigward manteniment jgħid li fl-istadju tal-medjazzjoni kien offra manteniment ta' €350 fix-xahar għall-ulied. Jgħid li l-medjazzjoni ma seħħitx għaliex hu xtaq li jirrikonċilja ma' martu filwaqt li r-rikorrenti ma riditx u din kienet l-unika raġuni għala l-partijiet ma waslux;

14. Jiddikjara li waqt il-medjazzjoni r-rikorrenti kienet tgħid li m'għandhiex bżonn flus mingħandu peress li taħdem;

15. Illi llum –il ġurnata m'għandux impjieg peress li ġie mkeċċi mill-kumpanija li kienet timpjegah għaliex kien naqas ix-xogħol u tkeċċew numru ta' nies. Għalhekk jikkontendi li m'għandux l-introjtu li ssemmi r-rikorrenti;

16. Jiddikjara li qiegħed ifittex xogħol u li jkun f'posizzjoni li jħallas manteniment adegwat għall-ulied kif jirnexxilu jsib xogħol u jżid jgħid li r-rikorrenti m'għandhiex tieħu manteniment mingħandu peress li hi ħatja għas-separazzjoni ta' bejniethom għaliex kienet hi li telqet mid-dar minkejja li kien talabha tmur lura flimkien mal-ulied kemm –il darba;

17. Jikkontendi li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tiegħu li nbniet fiżikament minnu u minn zijuh qabel iż-żwieġ. Tali proprjeta' inbniet fuq l-arja tal-garaxx li l-intimat akkwista mingħand missieru qabel iż-żwieġ u l-arja tal-garaxxijiet l-oħra li kienu jappartjenu lil missieru li wkoll kienet akkwistata minnu qabel iż-żwieġ;

18. Jikkontendi li l-akkwisti li saru fiż-żwieġ għandhom jinqasmu kwantu għal nofs kull wieħed u r-rikorrenti tingħata nofs l-ispejjeż li ntefqu biex inbniet id-dar matrimonjali;

19. Dwar il-polza t'assigurazzjoni MSV Life, l-intimat isostni li din għandha tinqasam ugwalment bejniethom;

20. Rigward il-vetturi, l-intimat jikkontendi li għandu jżomm it-Toyota Hilux filwaqt li r-rikorrenti għandha żżomm is-Suzuki.

(ċ) Nota konġuntiva tal-partijiet[3] li permezz tagħha jaqblu u jiddikjaraw li l-istima tax-xogħol ta' bini, *finishing, furnishing* u tal-ammobbiljar tad-dar taż-żwieġ tagħhom 'Tarom', Triq il-Bużbież Marsaskala għandha tkun magħmula mill-Perit AIC Godwin Abela b'dan li l-istess partijiet irriservaw id-dritt li jeskutu l-istess imsemmi Perit Arkitett.

(d) *Valuation* tad-dar taż-żwieġ tal-partijiet mill-Perit AIC Godwin Abela[4] abbażi tan-nota msemmija fil-paragrafu preċedenti li vvaluta l-imsemmija proprjeta' fl-ammont ta' €195,000 b'dan li

---

[3] Ara a fol 152 tal-proċess

[4] Ara a fol 153 tal-proċess

jagħti wkoll elenku tal-estimi tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni, *finishes and installations*, *apertures* (€40,500 fis-sena 2013 u €29,100 fis-sena 1994) *appliances* (€650 fis-sena 2013 u €3900 fis-sena 1994) u għamara (€13,500 fis-sena 2013 u €32,000 fis-sena 1994). Jagħti wkoll valur tal-arja fl-ammont ta' €154,500 għas-sena 2013 u fl-ammont ta' €41,400 fis-sena 1994.

(e) 7 rapporti intavolati mill-intimat mal-Pulizija li permezz tagħhom l-istess intimat irraporta li l-minuri qed ikunu esposti għal kumpanija mhux xierqa jew li saħansitra qed jitħallew waħedhom mir-rikorrenti ommhom[5].

Tressqu wkoll is-segwenti xhieda:

1. Romauld Attard bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta li preżenta 6 dokumenti (**Dok. RA1 – RA6**)[6]. Tali dokumenti juru li r-rikorrenti għandha 3 kontijiet attivi u ieħor magħluq (ara **Dok. RA1** sa' **Dok. RA4**) filwaqt li l-intimat għandu kont wieħed li hu attiv (**Dok. RA5**). Hemm kont konġunt li hu magħluq (**Dok. RA6**). Jispjega wkoll li **Dok. RA1** u **Dok. RA4** (kontijiet f'isem ir-rikorrenti (*account* J) huma relatati ma' *Young Savers Account* u meta l-minuri jagħlaq l-eta' ta' 12 jew 15 –il sena, bil-permess tal-*account holder* il-flus jiġu trasferiti f'*account* ieħor. Fil-fatt **Dok. RA4** jindika l-flus li ġew trasferiti mill-kont indikat bħala **Dok. RA1**. **Dok. RA1** u **Dok. RA4** jindikaw l-istess ammont bejn il-*closing balance* ta' **Dok. RA1** u l-*opening balance* ta' **Dok. RA4**;

2. David Galea in rappreżentanza tal-APS Bank[7] li ddikjara li

[5] Ara r-rapporti anessi mar-rikors tal-intimat datat it-2 t'Awwissu 2011

[6] Ara s-seduta datata t-2 ta' Marzu 2012

[7] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali datata t-2 ta' Marzu 2012

l-partijiet qatt ma kellhom kontijiet mal-bank;

3. Christina Farrugia in rappreżentanza ta' Banif Bank Malta[8] li ddikjara li l-partijiet qatt ma kellhom kontijiet mal-bank;

4. Greta Farrugia in rappreżentanza ta' Mediterranean Bank Plc[9] li ddikjarat li l-partijiet qatt ma kellhom kontijiet mal-bank;

5. Dr. Ylenia Micallef Grimaud in rappreżentanza ta' Middlesea Valletta Life Insurance, illum magħrufa bħala MSV Lif Plc li preżentat dokument wieħed (**Dok. YMG1**)[10] dwar polza *comprehensive endowment plan* f'isem iż-żewġ partijiet;

6. Robert Sammut in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange li preżenta dokument wieħed (**Dok. RS1**)[11] li juri li l-partijiet m'għandhom ebda kont mal-Malta Stock Exchange;

7. Massimo Cappitta in rappreżentanza ta' Mare Blu Tuna Farm u Mare Blu Trading Company Limited[12] li ddikjara li l-intimat kien jaħdem biss mal-kumpanija Mare Blu Tuna Farm bejn is-sena 2006 u s-sena 2011 bħala bugħadass. Jesebixxi l-FS3s għall-istess snin imsemmija (ara **Dok. MC2** sa' **MC 7**) liema dokumenti juru li fil-perjodu bejn is-26 ta' Diċembru 2005

[8] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali datata t-2 ta' Marzu 2012

[9] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali datata t-2 ta' Marzu 2012

[10] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali datata t-2 ta' Marzu 2012

[11] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali datata t-2 ta' Marzu 2012

[12] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

u l-4 t'Awwissu 2006 l-intimat kellu introjtu gross ta' €7367.48 ekwivalenti għal (Lm3162.86)[13], fis-sena 2007 kellu introjtu gross ta' €26,210.10 (LM11,252)[14], fis-sena 2008 kellu introjtu gross ta' €24,137[15], fis-sena 2009 kellu introjtu gross ta' €24,571[16], fis-sena 2010 kellu introjtu gross ta' €21,884[17] u fis-sena 2011 kellu introjtu gross ta' €14,966[18]. Jippreżenta wkoll **Dok. MC8[19]** li hija ittra li ntbagħtet lill-intimat da parti ta' Mare Blu Tuna Farm Limited li permezz tagħha ġie infurmat li l-post tax-xogħol tiegħu kien qed jiġi *redundant* u **Dok. MC9**[20] li hija r-risposta għall-*online request* relatata mat-terminazzjoni tal-impjieg tal-intimat li turi li r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg hija waħda ta' *lack of work / redundancy*. Ix-xhud jikkonferma wkoll li l-intimat ma kienx l-uniku ħaddiem li ġie *redundant* tant li kien hemm bejn 4 u 6 persuni oħra li wkoll ġew *redundant*. Ix-xhud jippreżenta wkoll dokument li juri l-*leave* li l-intimat ħa bejn is-sena 2006 u s-sena 2011[21] u l-aħħar *pay-slip* tal-istess intimat għax-xahar ta' Settembru 2011 li turi li l-introjtu gross tiegħu għal dak ix-xahar kien dak ta' €1761.93[22];

8. Dr. Matthew Bondin[23] li b'referenza għad-dokument

---

[13] Ara Dok. MC2 esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[14] Ara Dok. MC4 esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[15] Ara Dok. MC3 esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[16] Ara Dok. MC5 esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[17] Ara Dok. MC6 esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[18] Ara Dok. MC7 esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[19] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[20] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-10 ta' Jannar 2013

[21] Ara Dok. MC1 Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata t-3 ta' Ottubru 2013

[22] Ara Dok. MC2 Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata t-3 ta' Ottubru 2013

[23] Ara x-xhieda tiegħu waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata s-7 ta' Jannar 2015

immarkat bħala **Dok. MB1**[24] fejn il-partijiet (*tramite* l-avukati rispettivi tagħhom) jiddikjaraw li jaqblu li l-istima tax-xogħol ta' bini, *finishings, furnishings* u tal-immobbiljar tad-dar taż-żwieġ tagħhom 'Tarom' Triq il-Bużbież Marsaskala għandha tkun dik magħmula mill-Perit AIC Godwin Abela jiddikjara li ma jaqbilx li l-intimat qatt ma tah l-awtorizazzjoni biex jiffirma l-istess dokument għan-nom tiegħu. Ix-xhud jispjega li wara li sar eżerċizzju fejn kull parti qabbdet Perit għaliha biex issir valutazzjoni fuq id-dar hawn fuq imsemmija u kien hemm diskrepanzi, kien fadal biss li jitqabbad Perit mill-Qorti. Ix-xhud jispjega li sabiex jiġu evitati l-ispejjeż ta' Perit imqabbad mill-Qorti, spjega lill-intimat li dak li jissuġġerixxi Dr. Alessandro Lia u ċioe' li jintlaħaq ftehim fuq Perit bejn il-partijiet jagħmel sens għal finijiet ta' spejjeż u l-istess intimat qal li kellu fiduċja fl-avukat tiegħu u li ladarba r-riżultat ta' tali ħatra kien ser ikun l-istess, qabel li kellhom jiġu evitati l-ispejjeż u li ssir nomina ta' Perit bi qbil bejniethom. Ix-xhud jispjega wkoll li kien jispjega lill-intimat kollox b'mod dettaljat speċjalment fejn jidħlu kwistjonijiet tat-tfal u jerġa' jikkonferma li kien spjega l-konsegwenzi tal-imsemmi dokument lill-patroċinat tiegħu u li tali rapport kien ser ikun wieħed finali, dejjem bid-dritt li jsiru domandi in eskussjoni lill-istess Perit.

9. Martin Carter[25], kuġin tar-rikorrenti li jispjega li kien involut fis-separazzjoni tal-partijiet mill-bidu nett peress li l-intimat kien talbu l-għajnuna għaliex kien ixxellef iż-żwieġ tagħhom, minkejja li jispjega li l-intimat ma kienx jaf għaliex iż-żwieġ tagħhom kien ixxellef. Peress li martu għandha kwalifi f'*social, emotional and behavioural difficulties* sar pjan biex jgħinu l-koppja tidentifika l-problema taż-żwieġ tagħhom. Din ħarġet minn dak li stqarret ir-rikorrenti u ċioe' li l-intimat ma kienx ikun preżenti mal-familja u ma kienx jerfa' r-responsabbilita' għal dak li għandu x'jaqsam mal-familja. Jispjega li għalkemm ir-rikorrenti tirrakonta episodju waħdieni fejn l-intimat għolla l-platt, dan kien incident iżolat u

[24] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata s-7 ta' Jannar 2015

[25] Ara x-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Legali datata t-13 ta' Lulju 2015

fuqha ma rraportat ebda vjolenza. Ix-xhud u martu kellmu lill-intimat fuq l-importanza li jqatta' ħin mal-familja tiegħu u kien għalhekk li l-istess intimat ikkopera u beda jagħmel ħiltu biex iqatta' ħin mal-familja tiegħu. Pero' meta bdew jaraw tibdil pożittiv, ħarġet problema oħra u ċioe' dik li l-intimat kien iġiegħel lir-rikorrenti tipparteċipa f'*sex play* li tinvolvi *role-play* waqt l-att sesswali. Jiddikjara li jaħseb li r-rikorrenti ma kienitx kellmet lil żewġha fuq il-fatt li ma kienitx kuntenta b'dak li kien qed jiġri għalkemm l-intimat donnu kien fehem li martu ma kienitx kuntenta u li kienet qed tagħmel hekk kontra qalbha. Kien f'dan l-istadju li mart ix-xhud issuġġeriet psikjatra. Jgħid li nduna li r-rikorrenti kienet waslet f'*point of no return* meta telqet mid-dar. Qaltlu li m'għandhiex bżonn aktar għajnuna u talbitu jieħu ħsieb lill-intimat. Ix-xhud jgħid li l-intimat ried jaħfer kollox u li jerġgħu jingħaqdu flimkien u jżid jgħid li l-imħabba tal-intimat kienet tidher sinċiera mmens. Jgħid ukoll li l-intimat kellu immaġinazzjoni sesswali fuq ħabiba ta' martu u t-tifla ta ħuha għalkemm qatt ma mar *oltre* minn hekk għaliex kien isemmi isimhom waqt l-intimita' tagħhom biex iżid l-istimulazzjoni sesswali;

10. Albert Felice[26] li jaf liż-żewġ partijiet b'dan li jaf lill-intimat minn mindu kien żgħir jispjega li jaf lill-istess partijiet bħala koppja, l-aktar wara ż-żwieġ. Ix-xhud jiddiskrivi lill-intimat bħala bniedem bieżel u li kien imur il-garaxx jirranġa x-xbieki tas-sajd biex jaqla' lira żejda ħalli dawn jużhom għall-familja. Jgħid li bħala koppja kienu jidhru jinħabbu u qatt ma ra xejn ħażin b'dan li l-intimat, qabel ma bdew il-proċeduri ta' separazzjoni, qatt ma kellmu fuq xi problemi. Induna bil-problemi meta fattwalment ir-rikorrenti telqet mid-dar. Jgħid li jaf li l-intimat prova jirranġa mar-rikorrenti. Jikkonferma li l-intimat kien jagħmel xi xogħol fid-dar flimkien ma' zijuh li kien bennej. Ix-xhud ma jafx jekk iz-ziju tal-intimat kienx jitħallas għal tali xogħol jew le.

[26] Ara x-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Legali datata t-30 t'Ottubru 2015

Isemmi episodju fejn ra lir-rikorrenti passiġġiera f'karozza sabiħa ma' raġel ieħor li ma jafx min hu. L-intimat kien niżel ikellimha. Jsemmi wkoll li "***x'ħin C beda miexi lura u wasal fejn il-but, il-karozza marret lura u C qabeż b'idejh fuq il-luggage boot b'saqajh fl-arja u ma ġralu xejn. Il-karozza marret lura meta C kien telaq u mxiet***". Jikkonferma li dan ir-raġel kien ġie liberat minn kull akkuża kontrih fuq dan l-episodju. Jispjega wkoll li wara li telqet l-imsemmija vettura, l-intimat ġab is-senter fil-*cover* f'idejh mill-garaxx.

11. David Spagnol[27], iz-ziju tal-intimat. Jispjega li kien qal lill-intimat li l-post kien ser jibnihulu hu fis-sens li xogħolu kien se jkun li jpoġġi l-ġebla b'dan li l-intimat jagħmel xogħol ta' 3 min-nies għaliex kien itella' l-ġebla, jagħmel it-tajn u hu kien ipoġġi l-ġebla biss. Jiddikjara li dan kollu seħħ qabel iż-żwieġ għaliex il-post kien lest qabel iż-żwieġ. Poġġa l-madum u tħallas is-somma ta' Lm500 mingħand l-intimat b'dan pero' li ma jafx minn fejn ġew tali flus u mhux f'posizzjoni li jgħid jekk dawn ġewx miż-żewġ partijiet jew le. Jiddikjara li r-rikorrenti m'għamlet ebda xogħol bl-idejn.

9. **<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi</u>**

Permezz tal-affidavit tagħha[28] tgħid li ltaqgħet mal-intimat meta kellha biss 13-il sena filwaqt li hu kellu 20 sena. Ir-relazzjoni tagħhom damet għaddejja 4 snin sakemm ħassru peress li kien jagħti ħafna importanza lill-kaċċa. Il-partijiet reġgħu irranġaw wara biss xahrejn u nofs. Kien wara din il-waqfa tagħhom li r-relazzjoni tagħhom isserjat u bdew jibnu dar f'Marsaskala. Tispjega li meta żżewġu, kellha 22 sena b'dan li sena u ftit xhur wara ż-żwieġ inqabdet tqila bl-ewwel tarbija tagħhom J biex

[27] Ara x-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Diċembru 2015

[28] Esebit a fol 39 tal-proċess

imbagħad 4 snin wara twieldet il-minuri M. Tgħid li lanqas l-ewwel sena żwieġ ma kienet feliċi peress li l-intimat lanqas fil-*honeymoon* ma kien komdu waħdu magħha. Kien jgħajjat magħha anke fuq affarijiet żgħar u aktar m'għadda ż-żmien aktar bdiet tħoss distanza bejniethom b'dan li kienet tħoss li ma kienx komdu joħroġ magħha u l-ulied bħala familja. Tispjega li r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom naqsu ħafna wara t-twelid tat-tifla għaliex l-intimat kien jaraha bħala oħtu u ma kienitx tħajjru filwaqt li kien isemmilha t-tifla ta' ħuha u sħabha nisa u kien isemmi ismijiet ta' nisa oħra anke fl-intimita' tagħhom. Iżda minkejja dan kollu tgħid li dejjem tagħtu l-attenzjoni li xtaq.

Tgħid ukoll li fis-Sajf 2009 lill-intimat bilkemm kienet ratu għaliex kien qatta' sajf sħiħ jistad u jmur għall-kaċċa bir-riżultat li l-intimat traskura lill-familja bil-kbir. Pruvat tkellmu u turih li ż-żwieġ kien qed jitkisser imma ma tax każ u ma riedx jitkellem. Wara li nqala' argument anke fuq xi flus parafernali tagħha, tgħid li marret tieħu parir għand avukat b'dan li ż-żewġ partijiet spiċċaw għand l-istess avukat u ddeċidew li jerġgħu jagħmlu tentattiv sabiex isalvaw iż-żwieġ tagħhom. Pero' minkejja dan, is-sitwazzjoni marret għall-agħar u għalhekk fi Frar 2010 reġgħet marret għand l-avukat bil-għan li jaslu għal ftehim bonarju. L-intimat baqa' jiċħad li kien hemm il-problemi u għalhekk f'April 2010 telqet mid-dar għaliex ma felħitx aktar. Tispjega pero' li dan sar bi ftehim ma' żewġha u mingħajr ebda forma ta' ġlied. Kriet appartament f'Marsaskala pero' meta f'Mejju 2010 l-intimata reġa' talabha tmur lura d-dar, reġgħet marret peress li t-tifel J kien ser jagħmel il-Griżma u l-intimat wiegħdha li kien ser jirranġa.

Ir-rikorrenti tispjega li s-sitwazzjoni ta' bejniethom flok irranġat marret għall-agħar u ggravat għaliex l-intimat żied l-għajjat u beda jheddidha li ser jerfa' jdejh fuqha b'dan li kien hemm okkażjoni minnhom fejn qabadha minn għonqha. Fl-10 ta' Lulju 2010 kellhom ġlieda kbira u reġgħet telqet mid-dar b'dan li din id-darba qatt ma reġgħet irritornat lura għaliex għadha tgħix hemm sal-ġurnata tal-lum. Iżżid tgħid li f'dan iż-żmien, hi u żewġha kienu laħqu ftehim fuq l-aċċess għall-minuri u ċioe' ta'

sagħtejn kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis u *sleepover* bejn is-Sibt sal-għada l-Ħadd. Tagħti wkoll rendikont tax-xogħolijiet li kellha qabel iż-żwieġ u wara ż-żwieġ b'dan li tagħti rendikont ukoll tax-xogħolijiet u l-introjtu li kellu l-intimat fiż-żwieġ u tiddikjara li taf tali dettalji għaliex kienet tkun hi li tamministra kollox. Tgħid ukoll li l-intimat ma jridx iħallas aktar minn €350 bħala manteniment għaż-żewġt ulied u li qed ikollha d-dur fuq il-familjari tagħha biex tgħajjex lil uliedha.

Tagħlaq billi tgħid li d-dar taż-żwieġ bnewha flimkien qabel iż-żwieġ fuq garaxx u fuq l-arja ta' garaxxijiet oħra li l-intimat kien ħa mingħand missieru b'ċens ta' Lm64 fis-sena. Tispjega li kollox kien tħallas nofs bin-nofs filwaqt li l-għamara u l-mobbli kollha nxtraw fiż-żwieġ. Iżżid tgħid li fis-sena 2009 l-intimat xtara għajsa li kienet ġiet tiswa €14,000 b'dan li kienet ħarġet €5000 mill-flus tal-wirt t'ommha.

Kwantu għal assi oħra tgħid li hemm karozza Suzuki Alto li nxtrat fiż-żwieġ (in parti mill-flus li qalgħet mill-*part-time* filwaqt li l-intimat ħallas Lm1000 bħala depożitu). Il-bilanċ rimanenti ta' €3200 tħallas mill-introjtu tagħha tal-*part-time*. Tikkontendi li fiż-żwieġ kienet inxtrat ukoll Toyota Hilux u li hemm polza t'assigurazzjoni mal-Middlesea li għaliha titħallas is-somma ta' €596.78 fis-sena.

Permezz tax-xhieda tagħha in kontro-eżami[29] l-attriċi tgħid li l-ewwel sena taż-żwieġ tagħhom ma kinitx waħda feliċi b'dan li l-intimat kien jasal id-dar wara x-xogħol u mhux l-ewwel darba li għolla l-platt li tkun lestietlu. Issostni wkoll li kien hemm problema ta' intimita' bejniethom peress li żewġha ma kienx imħajjar lejha. Iżżid tgħid li "***Dan ammettieh waqt il-councelling ma Charles li kien ipoġġi Birkirkara u fejn***

[29] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-20 ta' Marzu 2015

***stqarr li kienet tħajjru t-tifla ta' ħija u l-ħabiba tiegħi li kien jieħu s-sick leave għaliha għax kien mingħalih li ser inġibha d-dar. Jien ma kont lesta li naqsmu ma ħadd lil żewġi. Ħabibti jisimha Josette Cachia***".

Tiddikjara li telqet mid-dar għal xahar bi prova u bi ftehim u f'dan il-perjodu ta' xahar marret ukoll għall-*councelling*.

Fuq l-introjtu u x-xogħol ta' żewġha tgħid li "***Apparti x-xogħol mal-Elbros, C kien imur jaqbad it-tonn. Dan kien fis-sajf 2009 meta xtara d-dgħajsa. Is-sajd tiegħu kien hobby u xogħol fl-istess ħin għax kien jaqla' l-flus minnu pero' ma kienx iġib flus id-dar minn dan is-sajd***". Tispjega li kienet tkun hi li tamministra l-paga ta' żewġha b'dan li dan tal-aħħar kien iżomm għalih €150 fil-ġimgħa.

Tiċħad li kienet hi li ssuġġeriet li ssir *threesome* ma' Russa.

10. **<u>Il-Verżjoni tal-Intimat</u>**

Permezz tal-affidavit tiegħu[30] l-intimat jgħid li żżewweġ lill-attriċi f'Marzu 2006 wara 9 snin għerusija. Frott ta' dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied u ċioe J u M. Jispjega li waqt l-għerusija kellhom relazzjonijiet intimi u għalhekk dak li tallega l-attriċi u ċioe' li waqt il-*honeymoon* ħassu skomdu, m'hu minnu xejn. Jispjega li kienet deċiżjoni tat-tnejn li huma li waqt il-

[30] Liema affidavit ġie esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

*honeymoon* marru d-dar għaliex ħassewhom magħluqin ġol-kamra żgħira tal-lukanda.

Jgħid li d-dar matrimonjali hija parafernali tiegħu peress li nbniet fuq l-arja tal-garaxx li kien akkwista mingħand missieru qabel iż-żwieġ. Jgħid li l-bini sar minnu u miz-ziju tiegħu filwaqt li l-ispejjeż għall-istess dar tħallsu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Jgħid li sa' sena qabel ma l-attriċi telqet mid-dar, kollox kien sew bejniethom iżda mbagħad ftit tax-xhur qabel, iż-żwieġ tagħhom inbidel għaliex l-attriċi bdiet tinjorah kompletament u turi li m'għandhiex interess fih. Jispjega li fix-xhur ta' qabel ma telqet mid-dar, martu kienet tgħidlu fuq atti intimi li kienu jagħmlu sħabha mal-irġiel tagħhom li huma qatt ma għamlu qabel u li martu qatt ma wriet ix-xewqa li tagħmel qabel. Jiddiskrivi tali atti bħala '***mhux normali***' u jżid jgħid li r-relazzjonijiet intimi tagħhom qabel ma telqet mid-dar dejjem kienu '***normali***.' Jiċħad li qatt kellu fantasiji għal nisa oħra kif tallega l-attriċi anzi jgħid li kienet l-attriċi stess li kienet tissuġġerixxi li għandu tali fantasiji għaliex skond hi, raġel normali jogħġbuh nisa oħra. Iżid jgħid ukoll li martu kienet proponiet li jħallsu mara Russa biex tmur fis-sodda magħhom iżda hu qatt ma aċċetta. Jiċħad ukoll li qatt kien interessat f'nisa oħra, speċjalment in-neputija tagħha u għalhekk isostni li dak li qed tikkontendi l-attriċi f'dan ir-rigward huwa gidba. Jiċħad ukoll li qatt kien vjolenti fil-konfront ta' martu iżda jgħid li l-istess martu kienet qed tagħmel minn kollox biex tipprovokah ħalli tkun tista' tagħmillu rapport mal-Pulizija u titfgħu l-ħabs.

Jispjega li ried jirranġa u jsalva ż-żwieġ iżda l-attriċi kienet theddu li ser "***iddaħħalli kexxun skieken ġo sidri***"[31], tgħajjru

[31] Ara paragrafu 14 tal-affidavit tal-intimat esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

"***mdejjaq***"[32] u tgħidlu biex imur jitgħallaq bħal ma kien għamel ħuħ.

Jgħid ukoll li xogħolu dejjem kien relatat mal-baħar għajr xi perjodu żgħir meta kien jaħdem fil-bini. Jispjega li ma kienx b'kapriċċ li kien iqatta' ħafna ħin barra mid-dar u dan kien jagħmlu biex jara li l-familja tiegħu ma jonqosha xejn. Meta mbagħad beda jagħmel sforz biex ikun aktar id-dar u jqatta' aktar ħin mat-tfal, l-attriċi kienet tibgħatu l-garaxx għaliex skond hi t-tfal kienu jiddejqu jaraw it-*television* miegħu. Itenni li llum –il ġurnata jinsab bla xogħol għaliex il-kumpanija li kien jaħdem magħha keċċiet in-nies u hu kien wieħed minnhom.

Jgħid ukoll li fis-sena 2009 l-attriċi qaltlu li "***m'għadha tħoss xejn għalija***"[33] u għalkemm ma setax jifhem x'kien ġara għaliex ma kienx konsapevoli tal-fatt li s-sitwazzjoni ta' bejniethom kienet daqshekk ħażina. Ddeċidew li jmorru għall-għajnuna għand l-Arċipriet taż-Żejtun u kien jidher li permezz tal-pariri li kien qed itihom, kienu qed jersqu lejn xulxin iżda wara ftit taż-żmien l-attriċi reġgħet bdiet titbiegħed minnu minkejja l-isforzi tiegħu. Anke l-kuġin tal-attriċi Martin Carter prova jirranġa s-sitwazzjoni ta' bejniethom (għaliex kien iħoss li m'hemm xejn x'ma setax jitranġa bejniethom) u fil-fatt għal ftit żmien, veru kienu rranġaw pero' wara ftit reġgħu bdew joħorġu l-problemi b'dan li l-attriċi ħarġet mid-dar għal xahar bi prova. L-intimat jispjega li dwar dan jista' jixhed Martin Carter u kien għalhekk li l-istess intimat aċċetta tali sitwazzjoni - għaliex ried jagħmel minn kollox biex isalva ż-żwieġ. F'dan il-perjodu ta' xahar, il-partijiet reġgħu bdew imorru għand l-Arċipriet u wara li skada l-istess xahar, l-attriċi reġgħet irritornat id-dar flimkien mal-ulied. Is-sitwazzjoni ta' bejniethom marret għall-aħjar għal ftit taż-

[32] Ara paragrafu 14 tal-affidavit tal-intimat esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

[33] Ara paragrafu 19 tal-affidavit tal-intimat esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

żmien pero' mbagħad l-attriċi reġgħet bdiet taħtfu għal xejn b'xejn, tkun żorra miegħu u tirrifjuta li tkun fl-istess post miegħu. F'Lulju 2010, l-attriċi telqet mid-dar u qatt ma reġgħet marret lura.

L-intimat jgħid li kien jafda lil martu b'għajnejh magħluqa u li forsi kien dan il-fatt li wassalha biex tibdlu ma' raġel ieħor. Din ir-relazzjoni ilha għaddejja snin b'dan li l-minuri J, qabel ma l-attriċi bdiet il-proċeduri odjerni kien sab xi *emails* li jikkonfermaw dan il-fatt[34]. Meta affronta lil martu dwar dan, ċaħdet u qalet li ma kellux għalfejn jinkwieta peress li r-raġel l-ieħor kien fuq *wheelchair* u li ma kellhiex interess fih. Fdaha u emminha iżda jgħid li dan hu l-istess raġel li llum –il ġurnata martu għandha relazzjoni miegħu. Jiddikjara li din ir-relazzjoni extra-matrimonjali kienet ir-raġuni għala martu telqet mid-dar u mhux minħabba l-allegazzjonijiet li qed tressaq hi u ċioe' dik li tibża' minnu. Jiddikjara li martu ammettiet din ir-relazzjoni miegħu meta għajritu li ma kienx raġel biżżejjed għaliha u li "***issa taf x'jiġifieri tkun ma' raġel għaliex issa qed iserraħħa raġel***"[35]. Min-naħa tiegħu jiddikjara li qatt ma kellu relazzjoni ma' mara oħra.

Jispjega wkoll li tant kien jafdaha li kien iħalli kollox f'idejha rigward flus, anke għaliex hi kienet taf l-iskola. Kien jagħtiha l-paga kollha f'idejha u qatt ma staqsa x'kienet qed tagħmel biha.

Rigward it-tfal jgħid li dawn huma l-mimmi t'għajnejh u li meta ma kienx ikun ix-xogħol u t-tfal ma kienx ikollhom skola, kien jieħu pjaċir joħroġ u jsiefru ma' koppji oħra sħabhom li kellhom

---

[34] Ara paragrafu 27 tal-affidavit tal-intimat esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

[35] Ara paragrafu 29 tal-affidavit tal-intimat esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

it-tfal tal-istess eta' ta' wliedu. Pero' lejn l-aħħar u ċioe' lejn iż-żmien meta l-attriċi telqet mid-dar, bdiet tirrifjuta li toħroġ ma' dawn l-istess nies u ħbieb għaliex skond hi, "***kienu jdejjquha jeqirdu***"[36]. Huwa f'dan il-kuntest li l-intimat jiċħad li ma kienx iqatta' ħin mal-familja. Iżid jgħid li martu caħditu mit-tfal bl-aktar mod komplet għaliex anke meta kien iċemplilhom, kienet tiħdilhom il-*mobile*. Biex jevita li l-minuri jkunu trawmatizzati u minkejja d-digriet tal-Qorti għall-aċċess, aċċetta li ma jesegwihx biex fuq ix-xewqa ta' martu jara t-tfal quddiem *social worker* peress li skond hi, t-tfal ma riedux jarawh mingħajr ma jkunu fil-preżenza ta' ħaddieħor. Jiddikjara li dan ma jemmnux għaliex dejjem kellu relazzjoni tajba ma' wliedu iżda peress li jaf bid-diskors negattiv li tgħidilhom fuqu martu jixtieq li t-tfal jerġgħu jibnu l-fiduċja kollha li kellhom fih[37]. Huwa għalhekk li jara lill-ulied l-Aġenzija Appoġġ b'dan li r-relazzjoni tiegħu ma' wliedu dejjem qed titjieb u qed jerġgħu jinġibdu lejh bħal ma kienu qabel ma l-attriċi qatgħetilhom il-kuntatt miegħu.

Permezz tax-xhieda tiegħu datata l-15 ta' Mejju 2012[38] l-intimat jgħid li fil-bidu taż-żwieġ kien jaħdem fil-kostruzzjoni mal-kumpanija Elbros u kien hemm żmien ukoll fejn bħala impjegat tal-kumpanija Elbros ġie misluf biex jaħdem mal-*fish-farm* tal-istess kumpanija. Jispjega li fix-xogħol tal-bini għamel 6 snin. Mistoqsi fuq il-*leave* tiegħu jispjega li fl-ewwel sena li ħadem mal-kumpanija Elbros kien għamel arranġament biex jieħu xi *leave* żejjed fl-istaġun tat-tonn u meta t-temp ikun bnazzi biex jaqla' "***xiħaġa żejda***". Jgħid ukoll li kien juża l-*leave* tiegħu biex imur jaħdem fuq il-baħar. Jiċħad li biex jaħdem fuq il-baħar kien xtara dgħajsa għaliex jispjega li d-dgħajsa li kien juża kienet ta' missieru. Iżid jgħid li missieru kien sussegwentement biegħ din id-dgħajsa u r-rikavat tagħha inqasam bejn l-aħwa kollha b'dan

---

[36] Ara paragrafu 26 tal-affidavit tal-intimat esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

[37] Ara paragrafu 30 tal-affidavit tal-intimat esebit permezz ta' nota waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

[38] Ara Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

li sehemu kien dak ta' elf Lira Maltin (Lm1000) liema somma hu taha lil martu peress li kienet hi li tamministra l-flus tal-familja. Tissemma wkoll dgħajsa oħra li l-intimat jikkonferma li nxtrat fiż-żwieg għall-ammont ta' Lm5500 u jsostni li martu ma tatu ebda flus biex ikun jista' jixtri tali dgħajsa, anzi jżid jgħid li kien issellef is-somma ta' tliet elef Euro (€3000) mingħand ħuħ Peter. Jispjega li hekk kif inqalgħu l-problemi ta' bejniethom, martu bdiet tallega li tatu €4000 għal din id-dgħajsa iżda xorta jsostni li tali flus m'għaddewx.

Dwar id-dar matrimonjali l-intimat jgħid li l-ispejjeż għall-bini u l-*furnishings* tal-istess dar ħarġuhom nofs bin-nofs kif sar ukoll l-immobbiljar.

Dwar il-manteniment tat-tfal, l-intimat jgħid li ma ħallasx għaliex m'għandux minn fejn peress li ma jaħdimx (hu ġie *redundant* għall-ħabta ta' Ottubru 2011) pero' jgħid li meta nfirdu u kien għadu jaħdem kien iħallas manteniment ta' €350. Mistoqsi jekk kienx iħallas tali ammont sad-data tar-*redundancy* l-intimat jgħid li le peress li l-attriċi ma riditx tiffirma li qed tirċievi l-flus. Għalhekk jispjega li n-nuqqas tiegħu li jħallas manteniment għal uliedu inizjalment kienet minħabba l-fatt li l-attriċi ma kienitx trid tiffirma li qed tirċievi l-flus imbagħad ir-raġuni nbidlet għax ġie *redundant*. Jiddikjara li meta t-tfal kienu jkunu għandu, dejjem kielu, avolja ma kienx iħallas manteniment.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Ġunju 2014[39] fejn jiddikjara li d-dgħajsa li dejjem tkellmu fuqha qiegħda Wied il-Għajn, il-Baħar b'dan li mhux tintuża. Jispjega li tali dgħajsa (tal-injam) hi ta' missieru u li ġieli jħaddimhielu għaliex jekk ma tħaddimhiex tagħmlilha l-ħsara. Jixhed li ma jmurx jistad u li ma jbiegħx għand in-nies, lanqas il-pixkerija.

[39] Ara a fol 187 et seq tal-proċess

Jikkonferma li d-dgħajsa li nxtrat fiż-żwieġ qiegħda l-Baħar. Mistoqsi dwar il-fatt li r-rikorrenti ħarġet xi flus derivanti minn wirt għall-akkwist ta' din id-dgħajsa l-intimat jgħid li kienet martu li kienet tamministra l-flus. Jgħid pero' li peress li kienu rċevew xi flus mill-*bonus* u għalhekk kien qalilha biex iżżomm dak l-€1000 u tnaqqashom mill-flus li kienet tatu għad-dgħajsa biex b'hekk ir-rikorrenti ġiet tagħtu s-somma ta' €2000 għall-akkwist tal-istess dgħajsa. Jgħid li ħuħ kien sellfu xi flus għal din id-dgħajsa.

Mistoqsi fuq il-ftehim dwar il-valutazzjoni tad-dar li saret mill-Perit Godwin Abela bi ftehim bejn il-konsulenti legali tal-partijiet, l-intimat isostni li kliemu mal-Avukat preċedenti tiegħu kien fis-sens li jekk jaqbel ma' tali ammont (hekk kif jistabbilixxi l-Perit Godwin Abela) imexxi nkella l-bqija jmexxi bil-Qorti.

Imbagħad fix-xhieda tiegħu datata t-8 ta' Jannar 2016[40] jispjega li l-wild J għandu 17 –il sena filwaqt li l-wild M għandha 13 –il sena. Jgħd li r-relazzjoni tiegħu ma' wliedu hija tajba b'dan pero' li ma jarhomx b'mod regolari għax hemm digriet li l-aċċess għandu jiġi eżerċitat taħt superviżjoni l-Appoġġ. L-aċċess kien isir taħt superviżjoni l-Appoġġ imma mbagħad l-ulied iddejjqu li jarhom bis-superviżjoni tal-Appoġġ u avża lis-*supervisor* li jrid iwaqqaf l-aċċess. Jispjega li minkejja tali digriet qed jara lil bintu meta jċemplilha biex jara jekk hux se tkun Wied il-Għajn u tmur ħdejh b'dan li nhar l-Ewwel tas-Sena qattgħet ġurnata miegħu kif għamel ukoll ibnu J. Isostni li jixtieq jara lil uliedu b'mod regolari. Jgħid ukoll li meta J imur jorqod għand kuġinuh u missieru jistiednu jorqod għandu, l-istess J jgħidlu "***mhux aħjar ma naqilgħux inkwiet***" u ma jorqodx għandu.

In kontro-eżami mistoqsi fuq xi episodji ta' kommozzjoni waqt l-aċċess b'superviżjoni tal-Appoġġ jgħid li ma jafx li qatt inqala' nkwiet. Jiċħad li qatt sar diskors fis-sens li *s-supervisor*

[40] Quddiem il-Perit Legali

issuġġerixxa li jmur għal *psychotherapy*. Jispjega pero' li t-tfal kienu ddejqu b'*supervisor* partikolari għaliex kien qagħad jirkeb fuq il-*quad-bike* pero' jiddikjara li m'għandu xejn kontra l-istess *supervisor* u jżid jgħid li t-ton tiegħu kien normali u m'għajjatx. Jiddikjara li ma jaf bl-ebda nota li setgħet saret da parti tal-Aġenzija Appoġġ fuq tali *supervised access*.

Jiddikjara li llum qed lit-tfal mingħajr ebda forma ta' superviżjoni għalkemm mhux b'mod regolari pero' għandu komunikazzjoni magħhom kważi kulljum permezz tal-*mobile*. Jispjega wkoll li fis-Sajf jara lil J għaliex ikun Wied il-Għajn u ġieli ċempillu l-istess wild biex imur ħdjeh u jżid jgħid ukoll li f'Diċembru 2015 kien mal-istess wild lejliet il-Milied fuq inizzjattiva tal-istes wild. Jagħlaq billi jgħid li llum jaħdem bħala *self-employed* fuq il-baħar bħala sajjied b'ħinijiet varji.

11. **<u>Dwar it-Talba għas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' tal-istess Separazzjoni (L-Ewwel Talba tar-Rikorrenti u l-Ewwel Kontro-Talba)</u>**

Dwar din it-talba, l-esponenti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Min-naħa tiegħu, l-intimat jemmen li r-raġuni tas-separazzjoni ta' bejnu u martu hi l-adulterju li kkommettiet l-istess rikorrenti mar-raġel li hu jiddiskrivi li hu f'*wheelchair*. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għal Artikolu 38 tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".

Dan neċessarjament ifisser li l-adulterju, huwa raġuni valida biżżejjed għall-qorti sabiex tilqa' t-talba għal separazzjoni personali bejn koppja u dan *stante* li kif sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia**[41]:

"***L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali***"

Naturalment il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha (f'dan il-każ l-intimat), jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[42] fejn ġie dikjarat li:

"***L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-***

[41] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

[42] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika***".

L-esponenti wara li semgħet ix-xhieda taż-żewġ partijiet u x-xhieda kollha mressqa minnhom, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja għas-separazzjoni personali bejniethom.

Dwar il-kwistjoni ta' responsabbilita' għall-istess separazzjoni, kull wieħed jew waħda mill-partijiet targumenta / jargumenta li l-ieħor jew l-oħra responsabbli għall-istess separazzjoni ta' bejniethom. Ir-rikorrenti tikkontendi (fost oħrajn) li l-intimat ħati ta' eċċessi moħqrija, li mhux interessat fiha, li kellu interess f'nisa oħra kif ukoll li kellu fantasiji għal nisa oħra. Min-naħa tiegħu l-intimat jgħid li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli minħabba l-fatt li r-rikorrenti rrendiet ruħha ħatja (fost oħrajn) ta' sevizzi, theddid, inġurji, li riedet tagħmel atti sesswali 'mhux normali' b'dan li riedet ukoll tagħmel *threesome* ma' Russa u adulterju ma' raġel allegatament f'*wheelchair*. Mill-provi, għajr għad-dikjarazzjonijiet u x-xhieda tal-partijiet taħt ġurament, ma tressaq ebda xhud li jista' jikkonferma xi waħda mill-allegazzjonijiet hawn imsemmija. Dan qiegħed jingħad għaliex per eżempju Martin Carter[43] jixhed li għalkemm kien hemm episodju iżolat fejn l-intimat għolla l-platt, ir-rikorrenti ma sostniet ebda forma ta' vjolenza u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li ġiet pruvata xi moħqrija jew vjolenza kommessa da parti tal-intimat. Naturalment, kwantu għall-allegazzjoni li l-intimat kien jiffantasizza fuq nisa oħra jew fuq l-allegazzjoni da parti tal-istess intimat li martu riedet tagħmel atti 'mhux normali' jew li riedet tagħmel *threesome* ma' Russa ma tressqet ebda prova (għajr għax-xhieda tal-partijiet stess) u għalhekk l-

[43] Ara x-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Legali datata t-13 ta' Lulju 2015

esponenti ma tħossx li għandha tagħti piż lil tali allegazzjonijiet għaliex mill-atti stess jirriżulta li ż-żwieġ tkisser għaliex il-partijiet ma riedux l-istess affarijiet miż-żwieġ, iż-żewġ partijiet kellhom ideat differenti ta' x'inhuma l-prioritajiet fl-istess żwieġ u għaliex kellhom problem ta' intimita' bejniethom (għalkemm ma jaqblux x'kienu tali problemi). Jidher li ż-żwieġ tkisser ukoll għaliex il-partijiet ma baqgħux iqattgħu ħin flimkien – la bħala koppja u lanqas bħala familja b'dan li l-intimat (dejjem b'intenzjonijiet tajba sabiex jaqla' Lira żejda għall-familja) kien iqatta' ħafna ħin 'il barra mid-dar bir-riżultat li r-rikorrenti kienet tħoss il-piż tal-familja kollu fuqha, sakemm finalment ir-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat għal kollox. Dwar l-allegazzjoni ta' adulterju, l-intimat ma jressaq ebda prova konkreta. Minkejja li jsemmi xi *emails* li allegatament ra l-minuri J, tali *emails* baqgħu qatt ma ġew preżentati u għalhekk għandu japplika l-prinċipju ta' *quod non est in actis non est in mundo*. L-istess jingħad għal xi xhieda li forsi setgħu tressqu sabiex jagħtu konferma *o meno* ta' tali allegazzjoni ta' adulterju iżda tali xhieda ma tressqux. Tressaq biss ix-xhud Albert Felice li jsemmi li r-rikorrenti kienet passiġġiera ma' raġel f'karozza sabiħa u li l-intimat ħareġ ikellimha pero' tali episodju bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat bħala xi forma ta' prova ta' adulterju da parti tar-rikorrenti u għalhekk l-esponenti tħoss li l-allegat adulterju da parti tar-rikorrent ma ġiex suffiċjentement ippruvat. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li għandu jirriżulta ċar li ż-żewġ partijiet huma responsabbli għas-separazzjoni b'mod indaqs għaliex l-intimat m'għarafx jirrealizza li martu kellha bżonnu aktar preżenti u li l-flus u l-introjtu mhux kollox filwaqt li r-rikorrenti ma fehmitx li dak li kien qed jagħmel żewġha kien qed jagħmlu bl-aħjar intenzjonijiet. Il-partijiet ukoll m'għarrfux jieħdu dawk il-passi neċessarji sabiex jippruvaw isolvu l-problemi t'intimita' bejniethom (li jidher li kienu problemi serji li kkontribwew għall-istess separazzjoni) ħlief għall-fatt li tkellmu ma' Martin Carter (familjari tar-rikorrenti).

Id-diverġenzi fi prioritajiet u fl-istil ta' ħajja flimkien mad-differenzi li kellhom il-partijiet fuq kwistjonijiet ta' intimita' fejn min-naħa r-rikorrenti tikkontendi li l-intimat kellu fantasiji fuq

nisa oħra filwaqt li l-intimat jikkontendi li martu riedet tagħmel atti 'mhux normali' kif ukoll *threesome* ma' Russa wasslu għat-tifrik taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u għalhekk jirriżulta li m'hemm ebda waħda mill-partijiet li għandha tinżamm responsabbli b'mod esklussiv għall-istess separazzjoni *stante* li jirriżulta li kienu ż-żewġ partijiet li kkontribwew għall-istess separazzjoni.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan fl-umli opinjoni tal-esponenti jirriżulta li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li ż-żewġ partijiet b'mod indaqs jitqiesu responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ ta' bejniethom. Fid-dawl ta' dan l-esponenti wkoll li tissottometti li t-tieni talba tal-kontro-talba għandha wkoll tiġi milqugħa *stante* li din tmur *a pari passu* mat-talba ta' separazzjoni tal-partijiet.

12. **<u>Dwar it-Talba tal-Kura u l-Kustodja tal-minuri (It-tieni talba tar-rikorrenti)</u>**

L-esponenti umilment tirrileva li kwistjonijiet ta' kura u kustodja jridu jiġu deċiżi abbażi ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri u għalhekk d'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[44] fejn ġie dikjarat li "**Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal**". Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[45] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[46] fejn ġie ritenut li "**r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal**".

[44] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947

[45] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

[46] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

Illi għalhekk l-esponenti, abbażi tal-provi u x-xhieda kollha mressqa ser tersaq sabiex tiddiskuti u tiddetermina x'inhu, dejjem fl-umli opinjoni tagħha, fl-aħjar interessi tal-minuri.

Irid jingħad ukoll li l-wild J li twieled nhar is-16 ta' Mejju 1998 issa hu maġġorenni u għalhekk huwa inutili u frivolu li jkun hemm xi forma ta' dikjarazzjoni dwar il-kura u l-kustodja tiegħu għall-istess wild. Dak li jrid jiġi deċiż allura huwa x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri M li preżentement għandha 14 –il sena.

<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja</u>

L-esponenti umilment tirrileva li mill-provi (kif wara kollox sal-ġurnata tal-lum dejjem ikkonfermat ukoll din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digrieti pendente lite) m'hemm xejn x'jindika li hu fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tiġi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv għaliex huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li ż-żewġ partijiet jibqgħu ikunu preżenti fil-ħajja tal-minuri M b'dan li d-deċiżjonijiet relatati mal-istess minuri jittieħdu b'mod konġuntiv bejniethom. L-esponenti umilment tħoss li f'każ li l-kura u l-kustodja tal-minuri M tiġi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti kif qiegħda titlob, ir-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-bint terġa' tirrigressa għaliex ir-rikorrenti ma jkollhiex għalfejn tikkomunika mal-istess intimat dwar tali minuri. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl tal-fatt li l-istess intimat baqa' dejjem jiġġieled għall-istess minuri u juri interess fihom, l-esponenti ma tarax raġuni valida u legali għala l-kura u l-kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u għalhekk tħoss li l-istess kura u kustodja għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet, b'dan li naturalment il-minuri tibqa' tgħix mal-omm stante li mhux fl-aħjar interess tal-minuri li tiġi rilokata f'ambjent differenti mill-ambjent fejn ilha tgħix minn mindu r-rikorrenti telqet mid-dar ġia matrimonjali, apparti l-fatt li l-intimat ma jressaq ebda talba għal kura u kustodja esklussiva tal-istess minuri jew li l-minuri tmur tgħix miegħu.

F'dan l-istadju l-esponenti tirrileva li għalkemm l-intimat jikkontendi fir-risposta tiegħu li l-kura u l-kustodja għandha tkun konġunta (u fl-umli opinjoni tal-esponenti, dan għandu jkun il-każ), permezz tal-kontro-talba tiegħu ma jressaq ebda talba għal aċċess għalkemm fil-mori tal-kawża ġie dekretat aċċess. Stante li l-esponenti tħoss li l-aċċess huwa parti integrali minn dak li hu fl-aħjar interessi tal-minuri, ser tiddisktuti l-aċċess favur il-missier, pero' terġa' tirrileva li m'hemm ebda talba għal aċċess, la fit-talbiet tar-rikorrenti u lanqas fit-talbiet rikonvenzjonali.

<u>Dwar l-Aċċess</u>

L-esponenti tagħmel referenza għar-rikors intavolat mir-rikorrenti[47] u li permezz tiegħu talbet li pendente lite tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri kif ukoll li l-aċċess favur l-intimat ikun b'superviżjoni tas-social workers fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ bi ġranet u ħinijiet fissi, din l-Onorabbli Qorti ċaħdet tali talbiet u ordnat li l-aċċess favur l-intimat ikun nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn is-6.00pm u d-9.00pm filwaqt li fil-weekends b'mod alternat l-aċċess ikun mis-Sibt bejn is-6.00pm sal-Ħadd fit-8.00pm u fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena u festi oħra jkunu b'mod alternat minn sena għall-oħra b'dan li għandu jkun l-istess intimat li jiġbor lill-minuri mir-residenza tar-rikorrenti ġewwa l-Kalkara u jirritornhom hemm wara l-aċċess[48].

L-esponenti tagħmel referenza wkoll għall-verbal tat-3 ta' Frar 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lil din l-Onorabbli Qorti li l-minuri jkunu disposti li jaraw lill-intimat fl-Aġenzija Appoġġ jew fi ħdan organizzazzjonijiet jew għaqdiet volontarji oħra. Din l-Onorabbli Qorti ddikjarat li ma ssib ebda oġġezzjoni

[47] Esebit a fol 56 tal-proċess

[48] Ara d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat il-25 ta' Jannar 2012 esebit a fol 64 tal-proċess

u tawtorizza li l-aċċess isir b'dan il-mod għall-anqas żmien possibbli.

Issir referenza wkoll għan-nota tal-Aġenzija Appoġġ tad-19 ta' Ġunju 2012[49] u li permezz tagħha din l-Onorabbli Qorti ġiet infurmata li l-aċċess b'superviżjoni favur l-intimat qiegħed jiġi eżerċitat darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs b'dan li kien hemm drabi fejn l-intimat ma ġabx ruħu sew fil-preżenza tal-minuri peress li stqarr magħhom li ommhom taħti għall-inkwiet kollu li jinsab fih b'dan li beda jistaqsihom ħafna mistoqsijiet fuq ommhom. Tali aċċess għall-ewwel beda jsir ġewwa l-Aġenzija Appoġġ iżda fuq talba tal-minuri, l-istess aċċess qed isir barra l-bini tal-istess Aġenzija. Din l-Onorabbli Qorti ġiet infurmata wkoll li l-minuri wrew ix-xewqa li tali aċċess isir fid-dar tal-intimat u ċioe' d-dar fejn kienu jgħixu qabel is-separazzjoni tal-partijiet b'dan li ġie osservat ukoll li l-intimat għandu ħafna rabja lejn ir-rikorrenti u li mhux jaċċetta s-separazzjoni b'dan li tali attitudni qed ittellef mir-relazzjoni tiegħu mal-minuri. Huwa għalhekk li ġie rakkomandat li l-istess intimat jattendi għal sessjonijiet psikoterapewtiċi sabiex ikun hemm possibilita' li tkompli r-relazzjoni tajba li hemm bejnu u l-ulied. Il-minuri stess esprimew ix-xewqa li jkunu ma' missierhom b'dan li ma jixtiequx li jagħmlilhom mistoqsijiet dwar ommhom. L-istess minuri stqarrew ukoll mal-ħaddiema soċjali li missierhom jagħmlilhom pressjoni qawwija biex imorru d-dar tiegħu nhar ta' Ħadd u li jsibuha diffiċli jgħidulu li ma jridux imorru.

Issir referenza wkoll għal nota oħra intavolata mill-Aġenzija Appoġġ u ċioe' dik datata t-18 ta' Lulju 2012[50] u li permezz tagħha reġa' ġie konfermat li qed ikun hemm diffikultajiet waqt l-aċċess b'superviżjoni peress li l-missier spiss joħroġ ir-rabja tiegħu lejn l-omm waqt l-aċċess fil-preżenza tal-ulied b'dan li tali

[49] Esebita a fol 91 tal-proċess

[50] Esebita a fol 94 tal-proċess

aġir kompla u aggrava ruħu b'tali mod li s-supervisor inkarigat mill-każ talab li ma jibqax fuq il-każ minħabba l-imġieba inaċċettabbli u perikoluża tal-intimat. Ġie spjegat li waqt l-aċċess tat-2 ta' Lulju 2012 l-intimat beda jidgħi u juża lingwaġġ vulgari fil-konfront tal-omm, familjari u ħbieb tagħha u dan fil-preżenza tal-minuri M u kien anke verbalment aggressiv mas-supervisor. L-ulied stess stqarrew mas-supervisor tagħhom li mdejjqin bl-imġieba ta' missierhom u reġa' ġie rakkomandat li l-missier jattendi għal sessjonijiet psikoterapewtiċi sabiex jindirizza r-rabja li għandu biex ma jħallix dan ixekkel ir-relazzjoni tiegħu ma' wliedu.

Fil-mori tas-seduti u s-smiegħ tal-provi, jirriżulta li r-relazzjoni bejn l-ulied (it-tnejn) tjiebet immens fis-sens li preżentement l-intimat qed jara lil uliedu mingħajr ebda forma ta' superviżjoni b'dan li jagħmel kuntatt dirett magħhom permezz tat-telephone. Jidher ukoll li l-istess minuri qed ikunu disposti li jqattgħu aktar ħin ma' missierhom u dan jawgura tajjeb għall-istess relazzjoni. Jirriżulta wkoll li l-missier għandu għal qalbu l-interess ta' wliedu u li minkejja li kien hemm żmien fejn l-aċċess kien qed jiġi eżerċitat ġewwa l-Aġenzija Appoġġ taħt superviżjoni, jidher li aċċess liberu miftiehem mal-minuri qiegħed ikun aktar pożittiv għalkemm hemm bżonn li jkun hemm aktar regolarita' fl-istess aċċess. Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment tħoss li l-aċċess favur l-intimat m'għandux ikun b'superviżjoni ġewwa l-Aġenzija Appoġġ iżda għandu jkun liberu fis-sens li kemm jista' jkun tali aċċess jiġi miftiehem bejn l-istess intimat u l-minuri M sabiex tinżamm relazzjoni pożittiva bejn il-missier u l-bint. Qed jiġi suġġerit ukoll pero' li jkun hemm aċċess stabbilit u minimu favur l-istess intimat (f'każ li għal xi raġuni l-komunikazzjoni bejn il-missier u l-bint ma tirnexxiex), liema aċċess għandu jiġi eżerċitat darbtejn fil-ġimgħa u ċioe' nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn is-6.00pm u d-9.00pm filwaqt li fil-weekends b'mod alternat l-aċċess ikun mis-Sibt bejn is-6.00pm sal-Ħadd fit-8.00pm u fil-Milied b'dan li għandu jkun l-istess intimat li jiġbor lill-minuri mir-residenza tar-rikorrenti jew f'post ieħor li jistgħu jiftehmu bejniethom il-partijiet u jirritornhom hemm wara l-aċċess.

## 13. **<u>Dwar il-Manteniment tar-Rikorrenti u l-Manteniment tal-Ulied (It-Tielet Talba tar-Rikorrenti)</u>**

<u>Dwar il-Manteniment għar-Rikorrenti</u>

Jibda billi jingħad li *pendente lite* r-rikorrenti ressqet rikors sabiex tingħata manteniment mingħand żewġha u dan kien permezz ta' rikors datat id-29 ta' Frar 2012, pero' din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat iħallas biss manteniment għal ulied u l-ebda mantenimeng għar-rikorrenti. L-esponenti taqbel perfettament ma' tali konklużjoni u umilment tħoss li tali deċiżjoni għandha tiġi konfermata fis-sentenza li tingħata *stante* li kienet ir-rikorrenti stess li ħarġet mid-dar matrimonjali mingħajr raġuni valida. Huwa minnu li r-rikorrenti ħadet magħha lill-ulied iżda dan ma jfissirx li ma abbanduntax lill-familja tagħha għaliex wara kollox, l-intimat żewġha, sa' dak iż-żmien kien għadu żewġha li kien għadu jrid jirranġa s-sitwazzjoni ta' bejniethom u ż-żwieġ tagħhom akkost ta' kollox. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti għadha f'eta' li tista' faċilment taħdem, l-esponenti umilment tħoss li t-talba tagħha għall-manteniment personali tagħha għandha tiġi miċħuda.

**<u>Dwar it-Talba għall-manteniment għall-minuri</u>**

L-esponenti tagħmel referenza għar-rikors intavolat mir-rikorrenti datat id-29 ta' Frar 2012[51] u li permezz tiegħu talbet manteniment għall-bżonnijiet tagħha u tal-ulied fis-somma kumplessiva ta' €650 kull 4 ġimgħat. Anness ma' tali rikors, ir-rikorrenti tippreżenta nota[52] fejn tiddikjara bil-ġurament tagħha li

[51] Esebit afol 72 tal-proċess

[52] Ara a fol 74 tal-proċess

m'għandhiex introjtu permanenti u tiddikjara x'inhuma l-ispejjeż li tinkorri personalment kif ukoll x'inhu l-ispejjeż tal-minuri. Min-naħa tiegħu l-intimat jilqa' għal tali risposta billi anke jannetti dokumenti li juru li ġie *redundant* mix-xogħol[53], kopji ta' dokumenti li juru l-benefiċċji tal-qagħad li qed jirċievi[54] u rendikont tat-Taxxa għas-sena 2011 maħruġ mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni[55]. Permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-8 ta' Marzu 2012[56], l-intimat ġie ordnat iħallas is-somma ta' €400 kull erba' ġimgħat rappreżentanti manteniment għall-ulied u mhux għar-rikorrenti.

Sussegwentement, permezz ta' rikors datat it-3 t'Ottubru 2012[57] l-intimat talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja d-digriet imsemmi fil-paragrafu preċedenti billi tordna li l-manteniment li għandu jħallas għandu jkun dak ta' €200 kull 4 ġimgħat u dan *stante* li spiċċa bla xogħol u li preżentement lanqas jista' jirreġistra għax-xogħol peress li mhux f'posizzjoni li jaħdem minħabba raġunijiet ta' saħħa (kkorabborat b'ċertifikat mediku maħruġ mill-konsulent Dr. Anthony Zrinzo[58] fejn l-intimat ġie dikjarat li *is not fit for gainful employment and would benefit from being boarded out*. Wara li din l-Onorabbli Qorti rat ir-risposta tar-rikorrenti flimkien ma' diversi ritratti[59] li juru l-intimat fuq dgħajsa u li bl-ebda mod ma jidher li għandu bżonn il-krozzi, din l-istess Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba permezz ta' digriet datat is-7 ta' Novembru 2012[60] u konsegwentement id-digriet

---

[53] Ara Dok. TD1 esebit a fol 77 tal-proċess

[54] Ara Dok. TD2 sa' Dok. TD9 esebiti a fol 78 sa' 85 tal-proċess

[55] Ara Dok. TD10 esebit a fol 86 tal-proċess

[56] Esebit a fol 87 tal-proċess

[57] Esebit a fol 109 tal-proċess

[58] Esebit a fol 110 tal-proċess

[59] Ara Dok. A sa' Ħ esebiti a fol 115 sa' 188 tal-proċess

[60] Ara afol 119 tal-proċess

preċedenti fejn l-intimat ġie ordnat iħallas is-somma ta’ €400 kull 4 ġimgħat ġie kkonfermat.

Permezz ta’ rikors datat it-23 ta’ Lulju 2013[61] ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex flimkien mas-somma ta’ €400 kull 4 ġimgħat, l-intimat jiġi ordnat iħallas nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri bil-preżentata tar-riċevuti. Da parti tiegħu l-intimat joġġezzjona għal tali talba b’dan li jikkontendi li ma kien hemm ebda bdil fiċ-ċirkustanzi u jerġa’ jippreżenta dokument maħruġ mill-kumpanija Mare Blu Tuna Farm Limited li juri li l-impjieg tiegħu ġie terminat abbażi ta’ *redundancy*[62] kif ukoll dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali li juri l-benefiċċji li qed jipperċepixxi l-istess intimat[63]. Permezz ta’ digriet datat l-14 t’Awwissu 2013, it-talba tar-rikorrenti ġiet milqugħa u konsegwentement issa l-intimat ġie ordnat iħallas manteniment għal uliedu fl-ammont ta’ €400 kull 4 ġimgħat flimkien ma’ nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess ulied fi żmien ġimgħa mid-data tal-preżentata tar-riċevuta.

Permezz ta’ rikors ieħor datat id-9 ta’ Diċembru 2013[64] ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawmenta l-mantenment għas-somma ta’ €600 fix-xahar, liema somma tkun inklussiva għal nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-ulied salv spejjeż edukattivi u mediċi straordinarji. R-rikorrenti tannetti ma’ tali rikors (fost dokumenti oħra) ittri li bgħatet lill-intimat sabiex jottempora ruħu mad-digriet tal-14 t’Awwissu 2013[65] u jħallas sehemu mill-ispejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni tal-minuri flimkien ma’ dokumenti u riċevuti relatati mal-istess spejjeż ta’

[61] Esebit a fol 140 tal-proċess

[62] Ara Dok. A esebit a fol 146 tal-proċess

[63] Ara Dok. B esebit a fol 147 - 148 tal-proċess

[64] Esebit a fol 161 tal-proċess

[65] Ara a fol 165 sa’ 166 tal-proċess

saħħa u edukazzjoni tal-minuri[66]. L-intimat min-naħa tiegħu jikkontendi permezz tar-risposta tiegħu li ma kien hemm ebda bdil fiċ-ċirkustanzi li jista' jwassal għal bdil fl-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti u jerġa' jesebixxi l-istess ċertifikat tal-konsulent Dr. Anthony Zrinzo li jikkonferma li l-intimat mhux fi stat li jkun impjegat (liema dokument kien diġa' ġie esebit in atti), rapport maħruġ minn Dr. Goce Kunovski[67], dokumenti maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali[68] li juri x'tip ta' benefiċċji qed jipperċepixxi l-intimat, dokument maħruġ mid-Dipartiment tal-Eżamijiet li juri li r-rikorrenti ser tibbenefika minn rifużjoni fl-ammont ta' €151.45 peress li r-rikorrenti tipperċepixxi għajnuna soċjali. Permezz ta' digriet datat it-2 ta' Jannar 2014, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u b'hekk l-intimat ġie ordnat iħallas manteniment mensili għall-ulied fl-ammont ta' €600, liema somma tinkludi sehemhu mill-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

Permezz ta' rikors ieħor datat il-15 t'April 2014, l-intimat talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex temporanjament tissospendi l-obbligu tiegħu li jivversa manteniment għal uliedu u dan strettament sakemm isib impjieg jew alternattivament tirriduċi l-ammont ta' manteniment pagabbli minnu versu ż-żewġt ulied b'dan li tali manteniment ikun jirrifletti aħjar il-kondizzjoni finanzjarja preżenti tiegħu. Jannetti ma' tali rikors, l-istess dokument maħruġ mill-kumpanija Mare Blu, Tuna Farm Limited li permezz tiegħu ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien qed jiġi terminat abbażi ta' *redundancy*, ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Mario Scerri[69] fejn jikkonferma li l-intimat mhux f'posizzjoni u kondizzjoni li jaħdem aktar, *certificate of competency* maħruġ minn Transport Malta[70], dokument maħruġ minn AOST

[66] Ara a fol 167 sa' 172 tal-proċess

[67] Ara Dok. A1 esebit a fol 179 tal-proċess

[68] Ara Dok. B u Dok. Ċ esebiti a fol 180 u 181 tal-proċess

[69] Ara Dok. B esebit a fol 196 tal-proċess

[70] Ara Dok. Ċ esebit a fol 197 tal-proċess

Technology Limited datat is-17 ta' Frar 2014[71] li jikkonferma li l-intimat qed jattendi kors ta' CVC Boatman Instructional Course u dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali[72] li juri x'assistenza qed jipperċepixxi l-istess intimat. Wara li rat ir-risposta ta' A B, permezz ta' digriet datat il-5 ta' Ġunju 2014 din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet ta' C B.

L-esponenti f'dan l-istadju tagħmel referenza għall-fatt li fl-aħħar xhieda tiegħu u ċioe' dik datata t-8 ta' Jannar 2016[73], l-intimat jiddikjara li qiegħed jaħdem bħala sajjied *self-employed* u għalhekk jirriżulta li l-kwistjoni ta' *redundancy,* nuqqas ta' xogħol u inkapaċita' da parti tal-intimat li jaħdem hija *ormai* kwistjoni tal-passat.

Għalhekk, fiċ-ċirkustanzi u wara li l-esponenti rat id-dokumenti esebit in atti u tenut kont tal-fatt li l-minuri M għadha tirrisjedi mal-omm filwaqt li l-wild l-ieħor li issa hu maġġorenni m'hemm ebda indikazzjoni dwar jekk hux qiegħed jistudja fuq bażi *full-time* jew le, l-esponenti umilment tħoss li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Jannar 2014 għandu jiġi konfermat, pero' b'modifiki żgħar peress li l-wild J m'għadux minuri. Għalhekk, l-esponenti umilment tħoss li l-intimat għandu jiġi ordnat iħallas manteniment mensili għall-minuri M kwantu għas-somma ta' €300 li tgħola kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u dan *di fermo* sal-eta' ta' tmintax (18) –il sena b'dan illi f'każ li l-istess wild tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* tali manteniment jibqa' dovut sakemm tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* jew sakemm tagħlaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel. Kwant għall-wild J, l-intimat għandu jiġi ordnat iħallas is-somma ta' tliet mitt Euro (€300) rappreżentanti manteniment mensili għall-istess wild

[71] Ara Dok. D esebit a fol 198 tal-proċess

[72] Ara Dok. E esebit a fol 199 tal-proċess

[73] Quddiem il-Perit Legali

f'każ biss li l-istess wild jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* jew sakemm tagħlaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel. F'każ li xi wieħed jew waħda mill-ulied ma jibqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf mar-rikorrenti u jkunu għadhom jeżistu l-elementi għall-ħlas ta' manteniment skond kif deskritt f'dan il-paragrafu, allura l-istess manteniment għandu jinqasam kwantu għal nofs bin-nofs miż-żewġ partijiet u jitħallas direttament lill-istess wild / ulied direttament.

14. **<u>Dwar ix-Xoljiment u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti (Ir-raba' Talba tar-Rikorrenti u l-Ħames Kontro-Talba)</u>**

L-esponenti umilment tirrileva li dawn it-talbiet huma wkoll konsegwenzjali għat-talba ta' separazzjoni bejn il-partijiet u li konsegwentement huwa neċessarju li abbażi tas-separazzjoni personali tagħhom, il-komunjoni tal-akkwisti viġenti tiġi xolta u likwidata.

Jiġi rilevat li fil-mori tal-proċeduri tressqu diversi xhieda li permezz tagħhom ġie stabbilit x'inhu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ċioe' s-segwenti:

1. <u>Kontijiet bankarji f'isem l-attriċi pero' b'referenza għall-ulied:</u>

a) Il-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 123-0383201-5 (ara **Dok. RA1**[74]) f'isem l-attriċi u jirreferi għall-minuri J ġie magħluq b'dan li l-ammont ta' €3884.25 ġie trasferit fil-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40019115234

[74] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

f'isem l-istess attriċi b'referenza wkoll għal J (ara **Dok. RA4**[75]) biex f'Diċembru 2011 l-istess kont (abbinat ma' **Dok. RA4**[76]) kien jammonta għal €3899.03;

b) Il-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40013674522 (ara **Dok. RA2**[77]) f'isem l-attriċi u jirreferi għall-minuri M Ann li sal-aħħar ta' Jannar 2012 kien jammonta għal €877.94;

2. Kontijiet bankarji f'isem l-attriċi

a) Il-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40018953099 (ara **Dok. RA3**[78]) li b'*opening balance* ta' €10,000 b'dan li l-interessi li kkumulaw fuq l-istess ammont ġew trasferiti fuq il-kont bankarju mal-Bank of Valletta 40013674522 (ara **Dok. RA2**[79]) f'isem l-attriċi u jirreferi għall-minuri M Ann biex sa' Ottubru 2011 il-bilanċ tal-kont baqa' dak oriġinali ta' €10,000;

3. Kontijiet bankarji fuq l-intimat

---

[75] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

[76] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

[77] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

[78] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

[79] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

Il-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40019223511 (ara **Dok. RA5**[80]) li l-*balance brought forward* tiegħu fis-sena 2010 kien dak ta' €1244 b'dan li l-bilanċ tal-istess kont fi Frar 2012 kien dak ta' €47.89;

4. Kontijiet bankarji f'isem il-konjuġi B b'mod konġunt

Il-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40015431080 (ara **Dok. RA6**[81]) li l-*balance brought forward* tiegħu f'Settembru 2005 kien dak ta' Lm10 b'dan li l-kont ingħalaq f'Settembru 2011;

5. Polza ta' assigurazzjoni f'isem il-konjuġi B b'mod konġunt

Tali polza bin-numru 57011 (ara **Dok. YMG1**[82]) timmatura fis-26 t'April 2025. Is-*surrender value* tagħha fl-1 ta' Marzu 2012 kien dak ta' €6541.21 filwaqt li l-ammont assigurat huwa dak ta' €12,581. Jiġi rilevat li permezz ta' nota konġuntiva[83] l-partijiet iddikjaraw li hemm qbil li tali polza titwaqqaf b'dan li r-rikavat tagħha jinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali assenjabbli waħda lil kull parti b'dan li fi żmien sena mid-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni jew mill-għoti tas-sentenza skond il-każ, l-intimat jiddepożita favur kull wild somma ekwivalenti għal nofs dak li jkun assenjat lilu mat-twaqqif tal-imsemmija polza.

---

[80] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

[81] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

[82] Esebit waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-2 ta' Marzu 2012

[83] Ara a fol 129 tal-proċess

6. **Vettura tat-tip Suzuki Alto** li mill-provi ma jirriżulta ebda valur tagħha;

7. **Vettura tat-tip Toyota Hilux** li mill-provi ma jirriżulta ebda valur tagħha;

8. **Dgħajsa** li għalkemm ma tressqet ebda prova konkreta fuqha, l-partijiet jaqblu li teżisti u li nxtrat fiż-żwieġ u li qiegħda l-baħar (skond ix-xhieda tal-intimat tal-15 ta' Mejju 2012[84]);

L-esponenti umilment tħoss li għal finijiet ta' ġustizzja (u dan anke in vista tal-fatt li fl-umli opinjoni tal-esponenti ż-żewġ partijiet huma responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ), l-esponenti umilment tirrileva u tipproponi s-segwenti qasma:

**Porzjon A assenjat lir-Rikorrenti**:

i. Il-kontijiet kollha bankarji kif ukoll kull *credit* u / jew *debit card* intestati f'isimha għandhom jitqiesu bħala l-proprjeta' esklussiva tagħha ad esklużjoni tal-kont bankarju mal-BOV bir-referenza 40018953099 li minnu l-intimat għandu jingħata s-somma ta' ħamest elef Euro (€5000) u l-kontijiet bankarji mal-BOV abbinati mal-ulied bir-referenzi numri 123-0383201-5 u 40013674522 rispettivament. L-esponenti umilment tħoss li l-kont bankarju abbinat mal-wild J li llum –il ġurnata huwa maġġorenni u ċioe' dak bir-referenza numru 123-0383201-5 għandu jingħalaq u jinqasam b'mod ugwali fuq il-partijiet b'mod ugwali jew jaqblu li tali kont isir il-proprjeta' esklussiva tal-wild J. Kwantu għall-kont bankarju abbinat mal-minuri M u ċioe' dak bir-referenza numru 40013674522 l-esponenti umilment tħoss li tali kont għandu jibqa' fis-seħħ sakemm l-istess minuri ssir maġġorenni b'dan li

[84] Ara Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-15 ta' Mejju 2012

tali kont isir kont konġunt, bil-partijiet li jkunu żewġ firmatarji fuq l-istess u malli l-minuri M issir maġġorenni għandu jingħalaq u jinqasam b'mod ugwali fuq il-partijiet b'mod ugwali jew jaqblu li tali kont isir il-proprjeta' esklussiva tal-wild M;

ii. Il-kontijiet bankarji li huma konġunti bejn il-partijiet għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejniethom u sussegwentement jingħalqu;

iii. Nofs sehem indiviż mill-polza ta' assigurazzjoni bin-numru 57011 li timmatura fis-26 t'April 2025. *Stante* n-nota konġuntiva[85] tal-partijiet, l-esponenti tħoss li hu ġust u ekwu li l-ħsieb u l-qbil tal-partijiet għandu jiġi rifless fis-sentenza u għalhekk tissuġġerixxi li tali polza titwaqqaf b'dan li r-rikavat tagħha jinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali assenjabbli waħda lil kull parti b'dan li fi żmien sena mill-għoti tas-sentenza, l-intimat jiddepożita favur kull wild somma ekwivalenti għal nofs dak li jkun assenjat lilu mat-twaqqif tal-imsemmija polza;

iv. Il-vettura tat-tip Suzuki Alto b'dan li tali vettura għandha tiġi valutata u nofs il-valur preżenti tagħha (skond il-polza t'assigurazzjoni relattiva għas-sena li fiha tingħata s-sentenza odjerna) jingħata lill-intimat.

**<u>Porzjon B assenjat lill-intimat</u>**:

i. Il-kontijiet kollha bankarji kif ukoll kull *credit* u / jew *debit card* intestati f'ismu għandhom jitqiesu bħala l-proprjeta' esklussiva tiegħu;

[85] Ara a fol 129 tal-proċess

ii. Is-somma ta' €5000 li jirrappreżenta sehemu mill-kont bankarju mal-BOV bir-referenza 40018953099;

iii. Il-kontijiet bankarji li huma konġunti bejn il-partijiet għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejniethom u sussegwentement jingħalqu;

iv. Nofs sehem indiviż mill-polza ta' assigurazzjoni bin-numru 57011 li timmatura fis-26 t'April 2025. *Stante* n-nota konġuntiva[86] tal-partijiet, l-esponenti tħoss li hu ġust u ekwu li l-ħsieb u l-qbil tal-partijiet għandu jiġi rifless fis-sentenza u għalhekk tissuġġerixxi li tali polza titwaqqaf b'dan li r-rikavat tagħha jinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali assenjabbli waħda lil kull parti b'dan li fi żmien sena mill-għoti tas-sentenza, l-intimat jiddepożita favur kull wild somma ekwivalenti għal nofs dak li jkun assenjat lilu mat-twaqqif tal-imsemmija polza;

v. Il-vettura tat-tip Toyota Hilux b'dan li tali vettura għandha tiġi valutata u nofs il-valur preżenti tagħha (skond il-polza t'assigurazzjoni relattiva għas-sena li fiha tingħata s-sentenza odjerna) jingħata lir-rikorrenti;

vi. Id-dgħajsa li preżentement tinsab il-Baħar (u li aktar dettalji dwarha ma jirriżultax) b'dan li tali dgħajsa għandha tiġi valutata u nofs il-valur preżenti tagħha (skond il-polza t'assigurazzjoni relattiva għas-sena li fiha tingħata se-sentenza odjerna) jingħata lir-rikorrenti.

[86] Ara a fol 129 tal-proċess

15. **<u>Dwar it-Talba sabiex ir-Rikorrenti tgħix fid-dar ġia matrimonjali 'Tarom' ad esklużjoni tal-intimat (Il-Ħames talba tar-Rikorrenti)</u>**

L-esponenti tirrileva li mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti ilha li telqet mid-dar ġia matrimonjali sa' mill-10 ta' Lulju 2010. Fid-dawl ta' dan u fid-dawl tal-fatt li l-istess rikorrenti tammetti li tali dar hija proprjeta' parafernali tal-intimat (għalkemm tirriklama li għandha kreditu fuq l-istess dar), l-esponenti ma tarax raġuni għala r-rikorrenti għandha tiġi awtorizzata li tgħix fl-istess dar ad esklużjoni ta' żewġha, speċjalment meta kienet hi stess li b'mod volontarju ħarġet mill-istess dar. L-esponenti umilment tħoss li mhux ekwu *stante* li m'hemmx raġunijiet għala l-intimat għandu jiġi żgumbrat mill-proprjeta' parafernali tiegħu u dan anke abbażi tal-fatt li l-istess intimat m'huwiex qiegħed jingħata r-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ waħdu.

16. **<u>Dwar il-Konsenja ta' flejjes, kreditu u oġġetti parafernali (Is-sitt u s-Seba' Talbiet tar-Rikorrenti u s-Seba' Kontro-Talba)</u>**

L-esponenti tirrileva li bejn il-partijiet hemm qbil li d-dar inbniet bejniethom (għalkemm hija proprjeta' parafernali tal-intimat) b'dan li l-partijiet qasmu l-ispejjeż tal-istess dar sabiex inbniet u tlestiet qabel iż-żwieġ. Għalhekk l-esponenti ser tgħaddi sabiex *ai termini* tal-provi li tressqu jiġi stabbilit x'inhu l-kreditu tar-rikorrenti fuq ix-xogħolijiet li saru fl-istess proprjeta' u fuq l-għamara u l-*appliances* li jinsabu fiha.

Skond valutazzjoni magħmula mill-Perit AIC Godwin Abela[87] l-estimi tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni, *finishes and installations*,

[87] Ara a fol 153 tal-proċess

*apertures* jammontaw għal €29,100, l-*appliances* jiswew €3900 filwaqt li l-għamara tiswa €32,000. L-esponenti tirrileva li l-istima għandha tiġi applikata fl-*intier* tagħha kemm abbażi tal-fatt li l-partijiet permezz ta' konġuntiva qablu li l-istima minn tali perit għandha tkun torbot lill-partijiet kif ukoll abbażi tal-fatt li tali stima hija l-unika prova li tressqet mill-partijiet fuq tali xogħolijiet, għamara u *appliances*.

L-esponenti umilment tirrileva li *stante* li x-xogħolijiet u kostruzzjoni saru qabel iż-żwieġ b'dan li l-mobbli u l-għamara wkoll ġew mixtrija qabel iż-żwieġ u *stante* li kif ser jingħad aktar 'il quddiem jirriżulta li d-dar matrimonjali hija dar parafernali tal-intimat u għandu jibqa' jgħix fiha l-istess intimat, allura r-rikorrenti għandha tingħata lura sehemha milli ħallset għal tali kostruzzjoni, mobbli u għamara li jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li dawn tħallsu b'mod ugwali bejniethom.

Għalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti, r-rikorrenti għandha tingħata l-ammonti segwenti filwaqt li l-mobbli u l-għamara in kwistjoni fid-dar ġia matrimonjali għandha tiġi assenjata lill-intimat fl-*intier* tagħhom. L-intimat għandu b'hekk iħallas lir-rikorrenti s-segwenti:

i. Is-somma ta' €14,550 rappreżentanti sehemha mill-kostruzzjoni, *finishes and installations*, *apertures* (u ċioe' nofs l-ammont ta' €29,100);

ii. Is-somma ta' €1950 rappreżentanti sehemha mill-*appliances* (u ċioe' nofs l-ammont ta' €3900);

iii. Is-somma ta’ €16,000 rappreżentanti sehembha mill-għamara (u ċioe’ nofs l-ammont ta’ €32,000).

Għal finijiet ta’ kompletezza u b’referenza speċifika għas-seba’ kontro-talba, l-esponenti tirrileva li mill-provi ma rriżulta ebda proprjeta’ parafernali jew kreditu parafernali li l-intimat għandu jiġi restitwit (*stante* li d-dar ġia matrimonjali u li hi proprjeta’ parafernali tal-istess intimat diġa’ tinsab fil-pussess tal-istess intimat u ġie dikjarat li tali proprjeta’ hija proprjeta’ parafernali tiegħu filwaqt li l-mobbli u l-għamara kollha li jinsabu fl-istess dar u li xtraw qabel iż-żwieġ mill-partijiet ġew assenjati lilu bi kreditu favur ir-rikorrenti kif spjegat aktar ‘il fuq ukoll.

17. **<u>Dwar l-Applikazzjoni tad-Disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili applikabbli Kontra l-Partijiet jew min minnhom (It-Tmien Talba tar-Rikorrenti u t-Tielet Kontro-Talba)</u>**

Iż-żewġ partijiet jitolbu li jiġu applikati *in toto* jew *in parte* l-Artikoli 48 sa’ 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ xulxin. Għal finijiet ta’ kjarezza ser jiġi ċitat l-Artikolu 48 *stante* li huwa l-aktar Artikolu applikabbli għall-każ odjern u li jgħid hekk:

“(***1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ***".

L-esponenti, kif diġa' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija tal-umli opinjoni li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli liż-żewġ partijiet b'mod ugwali u għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ l-esponenti tissottometti li għandhom jiġu applikati l-Artikolu 48(1)(a) u (d) fil-konfront taż-żewġ partijiet.

18. **<u>Dwar it-Talba sabiex jiġi dikjarat li d-dar ġia matrimonjali u ċioe' 'Tarom' Triq il-Busbież, Marsaskala</u>**

L-esponenti tirrileva li mill-provi jirriżulta li l-partijiet jaqblu li d-dar hawn fuq imsemmija u ċioe' 'Tarom', Triq il-Busbież, Marsaskala hija dar parafernali tal-intimat u għalhekk m'hemm ebda kontestazzjoni dwar dan. *Stante* li anke min-nota ġuramentata tar-rikorrenti hemm dikjarat li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-intimat, l-esponenti umilment

tirrileva li m'għandu jkun hemm ebda raġuni għala m'għandux ikun hemm dikjarazzjoni li tali proprjeta' hija fil-verita' proprjeta' parafernali tal-intimat.

19. **Konklużjoni**

Illi, in vista ta' dak suespost l-esponenti hija tal-umli fehma li t-talbiet attriċi u l-kontro-talbiet għandhom jiġu deċiżi bil-mod segwenti:

(1) Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti u l-ewwel kontro-talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija imputabbli liż-żewġ partijiet b'mod ugwali bejniethom;

(2) Tiċħad it-tieni talba rikorrenti b'dan li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri M f'idejn iż-żewġ partijiet;

(3) Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitatament għall-manteniment tal-ulied u dan kif deskritt aħjar fil-paragrafu intitolat '**Dwar il-Manteniment tar-Rikorrenti u l-Manteniment tal-Ulied (It-Tielet Talba tar-Rikorrenti)**';

(4) Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u l-ħames kontro-talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod kif deskritt aħjar fil-paragrafu intitolat '**Dwar ix-Xoljiment u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti (Ir-raba' Talba tar-Rikorrenti u l-Ħames Kontro-Talba)**' b'dan li r-rikorrenti għandha tiġi assenjata dak kollu kontenut f'Porzjon A imsemmi fl-istess

paragrafu filwaqt li l-intimat għandu jiġi assenjat dak kollu kontenut f’Porzjon B;

(5) Tiċħad il-ħames talba tar-rikorrenti;

(6) Tilqa’ s-sitt u seba’ talba tar-rikorrenti bil-mod kif deskritt aħjar fil-paragrafu intitolat ‘**Dwar il-Konsenja ta’ flejjes, kreditu u oġġetti parafernali (Is-sitt u s-Seba’ Talbiet tar-Rikorrenti u s-Seba’ Kontro-Talba)**’ u tiċħad is-seba’ kontro-talba;

(7) Tilqa’ t-tmien talba tar-rikorrenti u t-tielet kontro-talba limitatament fis-sens li tapplika l-Artikoli 48(1) (a) u (d) fil-konfront fil-konfront taż-żewġ partijiet;

(8) Tilqa’ t-tieni kontro-talba;

(9) Tilqa’ r-raba’ kontro-talba;

(10) Tiċħad is-sitt talba *stante* li m’hemmx in-neċessita’ jiġi appuntat Nutar Pubbliku u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra ż-żewġ partijiet b’mod ugwali bejniethom.

Tant għandha l-unur tissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.”

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dottor Abigail Critien;

Rat ir-rapport tal-Perit AIC Godwin Abela, innominat miż-żewġ partijiet bi ftehim bejniethom;

Rat id-domandi tal-attriċi in eskussjoni tal-Perit Legali; Rat ir-risposti tal-Perit Legali debitament maħlufa;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-attriċi fejn huwa elenka dawk il-punti li l-attriċi m'hijiex taqbel magħhom mir-rapport redatt mill-Perit Legali;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Il-Qorti tirrileva illi l-abbli Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża, billi kienu mehmużin ma' rikorsi. Ħadet konjizzjoni wkoll tax-xiehda li nstemgħet direttament quddiem mill-Qorti. Illi l-istess Perit Legali għamlet eżami tajjeb tal-prinċipli legali li jaffettwaw il-każ odjern. Għalhekk il-Qorti għandha konvinċiment morali sħiħ li hija tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet peritali fid-deċiżjoni tagħha.

Bla dubju, il-Qorti tat konsiderazzjoni wkoll lill-punti elenkati mill-attriċi li dwarhom m'hemmx qbil senjatament:

<u>Dwar ir-Responsabilita tat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni peritali illi l-partijiet ugwalment ikkontribwixxew għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom. Ma taqbilx illi l-konvenut kien maġġorment jekk mhux esklussivament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ kif tissottometti l-attriċi;

Dwar il-fondi parafernali ddepożitati fil-kont innumerat 40018953099 fuq isem il-minuri M

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-allegazzjoni tal-attriċi li dawk il-fondi kienu parafernali tagħha ma ġietx sodisfaċentement ippruvata, oltre d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attriċi, bi provi oġġettivi. Illi minkejja li l-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonferma li l-intimat għandu jingħata s-somma ta' ħamest'elef ewro (€5,000) mill-bilanċ fl-imsemmi kont, xejn ma jżomm lill-partijiet milli jerfgħu dan l-ammont għal ġid tat-tifla, jekk huma jafu fil-fond ta' qalbhom li l-istess flus kienu ntiżi għall-benefiċċju tat-tifla. Pero' dik hija deċiżjoni morali li kull parti trid tieħu u mhux deċiżjoni legali spettanti mill-Qorti.

Dwar il-fondi parafernali tal-attriċi li ntużaw għad-dgħajsa

Il-Qorti reġgħet rat ix-xiehda tal-konvenut f'dan ir-rigward[88]. Huwa mkien ma semma li l-flus li tagħtu martu għax-xiri tad-dgħajsa, kienu ġejjin mill-wirt tagħha iżda huwa rrikonoxxa li kellu jagħti lil martu tlett'elef ewro (€3,000) għalkemm mhux sitt'elef ewro kif għid l-attriċi. Illi filwaqt illi kien ikun għaqli li l-attriċi tikkorabora l-pretensjoni tagħha bi provi konvinċenti, il-fatt li l-konvenut ammetta li kellu jagħtiha tlett'elef u li filfatt għaddhielha elf minnhom, tagħmel il-verżjoni tal-attriċi iktar verosimili. Ladarba huwa ħass li kellu jħallasha xi ħaġa, dan huwa ndikazzjoni li huwa kien konsapevoli li kien hemm xi kreditu parafernali tal-mara, minkejja li kien jafda l-amministrazzjoni tal-flus f'idha. Kieku ma kienx jaf li l-mara kellha tieħu, ma kienx ikollu ebda raġuni għalfejn jgħaddilha l-elf ewro (€1000) tal-bonus. Dana allura jfisser li huwa minnu l-komunjoni tal-akkwisti għadha debitriċi tal-attriċi għax-xiri tad-dgħajsa fis-somma ta' mill-inqas elfejn ewro (€2,000).

Dwar l-aċċess tal-minuri

[88] Tal-11 ta' Ġunju 2014;

Il-Qorti taqbel mal-attriċi illi m'hemmx lok illi l-aċċess tal-minuri M versu missierha jkun regolat bil-ġurnata u l-ħin preċiżi u dana in viżta li l-minuri llum għadha oltre ħmistax-il sena u nofs u hija weħidha hija kapaċi tagħraf il-ħtieġa li tiltaqa' ma' missierha. Illi sabiex l-aċċess isir iktar regolari, il-Qorti tordna illi l-aċċess isir mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa minimu ta' tliet sigħat kull darba, u kull ġimagħtejn tiżdied sleepover għand il-missier jew mill-Ġimgħa għas-Sibt, jew mis-Sibt għall-Ħadd skond l-esiġenzi tal-minuri.

Dwar l-imgħaxijiet li jiddekorru qabel id-data tas-sentenza

L-attriċi ssostni illi hija għandha titħallas imgħax sal-għola rata li tippermetti l-liġi fuq il-krediti dovuta lilha mid-data ta' meta kienu dovuti sad-data tal-ħlas effettiv. Hija tikkontendi li l-istess krediti kienu dovuti lilha minn April 2013, meta r-rapport tal-Perit Godwin Abela li qablu fuqu l-partijiet flimkien kien lest. Il-Qorti ma taqbilx. Minkejja illi l-krediti ġew kristallizati u likwidati bl-imsemmi rapport, l-istess krediti jsiru dovuti mal-preżenti, u cioe meta u jekk il-Qorti tgħaddi biex tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ammonti stabbiliti mill-perit. Fin-nuqqas ta' tali ordni, il-krediti huma biss pretiżi u mhux dovuti u l-Qorti għadha fid-diskrezzjoni li tiċħad jew tilqa' t-talba tagħhom. L-istima maqbula bejn il-partijiet torbot lill-partijiet milli jipprovaw iressqu valutazzjonijiet ulterjuri, iżda bl-ebda mod ma torbot lill-ġudikatur. Illi għaldaqstant in vista tan-natura ċivili tad-debitu, l-imgħaxijiet legali jibdew jiddekorru mill-preżenti.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B u dana minħabba tortijiet imputabbli lill-partijiet ugwalment;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attriċi in kwantu dina tirrigwarda l-wild J billi dana fil-mori tal-kawża sar maġġorenni; u tiċħad l-istess tieni talba attriċi fir-rigward tal-minuri M billi tħalli l-kura u l-kustodja tal-minuri M f'idejn iż-żewġ ġenituri; tordna illi l-minuri jkollha aċċess versu l-konvenut liema aċċess isir mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa għal minimu ta' tliet sigħat kull darba, u kull ġimagħtejn tiżdied ukoll *sleepover* għand il-missier jew mill-Ġimgħa għas-Sibt, jew mis-Sibt għall-Ħadd skond l-esiġenzi tal-minuri.

3. Tiċħad it-tielet talba attriċi in kwantu din titlob manteniment għaliha u tilqagħha in kwantu titlob manteniment għal ulied il-partijiet u dana skont il-provvedimenti stipulati fir-Rapport tal-Perit Legali fil-paragrafu intitolat **'Dwar il-Manteniment tar-Rikorrenti u l-Manteniment tal-Ulied (It-Tielet Talba tar-Rikorrenti)'**.

4. Tilqa' r-raba' talba attriċi u l-ħames talba rikonvenzjonali billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B u tassenjaha bil-mod deskritt fir-Rapport tal-Perit Legali fil-paragrafu intitolat **'Dwar ix-Xoljiment u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti (Ir-Raba' Talba tar-Rikorrenti u l-Ħames Kontro-Talba)'** b'dan illi r-rikorrenti għandha tiġi assenjata dak kollu kontenut f'Porzjon A filwaqt illi l-intimat għandu jiġi assenjat dak kollu kontenut fil-Porzjon B. Illi dwar id-dgħajsa l-Qorti tordna illi l-istess dgħajsa tiġi valutata skont is-suġġeriment tal-Perit Legali u l-attriċi tingħata s-somma ta' elfejn ewro (€2000), kif ukoll nofs il-bilanċ.

5. Tiċħad il-ħames talba tal-attriċi;

6. Tilqa' s-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrenti bil-mod kif deskritt fir-Rapport tal-Perit Legali fil-paragrafu **<u>'Dwar il-Konsenja ta' Flejjes, Kreditu u oġġetti parafernali (Is-sitt u s-Seba' Talbiet Rikorrenti u s-Seba' Kontro-Talba)'</u>**. Ikun ippreċiżat illi l-imgħaxijiet legali jiddekorru fil-konfront tal-konvenut mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv. Tiċħad is-seba' talba rikonvenzjonali.

7. Tilqa' t-tmien talba tar-rikorrenti u t-tielet kontro-talba rikonvenzjonali limitatament fis-sens illi tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48(1)(a) u (d) tal-Kodiċi Ċivili, fil-konfront taż-żewġ partijiet.

8. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali.

9. Tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali.

10. Tiċħad is-sitt talba rikonvenzjonali stante li m'hemmx in-neċessita li jiġu appuntati Nutar Pubbliku u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.